**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Mejju, 2025

Rikors Ġuramentat: 157/2020 AL

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 2 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu l-attur ppremetta kif ġej:

*1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fid-9 ta' Gunju 2013 u minn dan iz-zwieg taghhom fis-16 ta' Marzu 2014 twieled wild wiehed*

[1] Fol. 1.

*bl-isem ta' J (ara c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A):*

*2. Illi l-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien liema kuntratt gie ppubblikat fl-20 ta' Lulju 2016 u liema kopja awtentikata qeghda tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok B. Illi issa erbgha snin wara dana l-kuntratt, irrizultaw tibdil fic-cirkostanzi illi jimmeritaw varjazzjoni fil-kuntratt u dana dejjem fl-aħjar interess tal-minuri J;*

*3. Illi permezz tal-klawsola 5(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, il-kura u kustodja tal-minuri hija fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt, b'dana illi decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni straordinarja ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien mentri d- decizjonijiet ta' kuljum jittiedhu mill-genitur li mieghu ikun il-minuri J dak il-hin. Illi li qieghed jigri b'mod konstanti huwa li l-intimata qegħda tiehu decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni straordinarja li jirrigwardaw l-minuri J minghajr ma qegħda tikkonsulta lil attur. Di fatti li qieghed jigri huwa li l-intimata taqbad u tiehu d-decizjoni wahedha u tipprezenta l-ircevuta lill-attur sabiex ihallas nofshom. Illi ghalhekk l-intimata mhux qeghda timxi kif maqbul fil-ftehim. La darba l-intimata mhux qeghda turi volja li jkun hemm co-parenting u qeghda taghmel minn kollox sabiex teskludi lill-attur minn decizjonijiet li jirrigwardaw it-tifel minuri, qieghed jigi intavolat dina l-kawza sabiex il-kura u kustodja tal-minuri J tkun esklussiva fuq l-attur u dana b'hekk tirrifletti l-varjazzjoni mitluba li l-minuri jirrisjedi primarjament mal-missier. Izda f'kaz li ma jigrix hekk u jkun hemm shared residency jew il-minuri jibqa' jghix ma' l-omm u b'hekk kura u kustodja tibqa' kongunta, hemm il-htiega li l-Qorti tordna fil-mori tal-kawza li l-partijiet jattendu co-parenting course sabiex l-omm taccetta l-fatt li l-attur ghandu rwol siewi x'jghati fejn jidhlu d-decizjonijiet fuq il-minuri u tmur anger management courses sabiex titghallem kif tikkomunika mieghu minghajr ghajjat u theddied, liema ghajjat u theddid*

*xekkel iz-zwieg taghhom tant li kien parti mit-tort tan-nullita' taz-zwieg taghhom;*

*4. Illi ai termini tal-Klawsola 5(ii), (iii) u (iv) tal-kuntratt tas-separazzjoni, liema klawzoli jitrattaw l-access tat-tifel minuri senjatament l-access fix-xhur skolastici, fix-xhur ta' wara l-iskola, u fil-granet ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier. Illi dana l-access mhux qieghed jahdem ghal diversi ragunijiet, senjatament minhabba l-attitudni ta' l-intimata li qegħda taghmel minn kollox sabiex tnaqqas u ccahhad l-access u fil-fatt hemm pendenti proceduri kriminali kontriha u dana kif ser jigi spjegat ikar ahjar fil-mertu tal-kawza. Mhuwiex qieghed jahdem ukoll peress li ghaddew erba' snin u t-tifel minuri kiber u għalhekk x'kien adegwat bhala hinijiet meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni li dak iz-zmien il-minuri kellu biss sentejn, ma baqax adegwat wara erba' snin fejn ormai l-minuri ghandu sitt snin u jidher carissimu li l-minuri jrid iqatta' ferm iktar hin mal-missier mill-hin limitat li ghandu prezenti liema access matual l-iskola jispicca sal-hamsa ta' filgħaxija (5pm) u fis-sajf merament sas-sitta ta' filghaxija (6pm). Illi huwa car li l-minuri jixtieq iqatta' iktar hin mal-missier, izda l-intimata baqghet topponi sabiex jizdied il-modalita' ta' l-access - anzi uriet xewqa li l-access jitnaqqas iktar milli huwa diga' limitat! Ir-rikorrenti ghalhekk jixtieq ivvarja dawna l-klawzoli sabiex jirrifletti r-realta' u x-xewqa prezenti tat-tifel. Illi ghalhekk primarjament ser issir it-talba li t-tifel minuri jghix primarjament ma' l-attur, bil-konvenuta jkollha access adegwat. Fin-nuqqas li dina t-talba tintalahq jkun hemm sistema ta' shared residency fejn il-minuri iqatta' t-tlett ijiem konsekuttivi mal-Missier u t-tlett ijiem sussegwenti ma' l-Omm u b'hekk il-minuri jkun kemm mal-missier kif ukoll ma' l-omm. Ghalhekk tinholoq tip ta' residenza u access ibbazzat fuq is-shared residency, liema tip ta' residenza ssib konfort fil-fatt li l-minuri jkun jista' jittrabba kemm mill- omm u kemm mill-missier b'mod ugwali. Illi f'nuqqas li lanqas dina ma tigi' milqugha, qieghed jintalab sabiex jizdied l-access u jsir iktar ampju.*

*5. L-istess jista' jinghad ghal Jum l-Omm u Jum il-Missier. Il-hinijiet limitati fil-kuntratt jistghu jizdiedu sabiex jirriflettu l-eta' u x-xewqa tat-tifel. Rigward il-klawzola ta' l-access ta' gheluq snin il-minuri hemm htiega li tinbidel u dana ghaliex peress li hija msejsa fuq ftehim bejn il-partijiet, f'nuqqas ta' ftehim, kif qieghed ikun hemm, qieghed jirrizulta fejn l-access fgheluq snin il-minuri mhux qieghed issir jew issir b'hafna tilwim - ghalhekk sabiex jigu evitati dawna l-problemi l-ahjar ikun hemm hin fiss.*

*6. Illi fl-istess kuntratt hemm diversi klawzoli fuq l-access li huma neqsin u għalhekk hemm il-htiega li dawna jigu illum rregolati senjatament, Jum Gheluq Snin il-Missier u Jum Gheluq Snin l-Omm, il-vaganzi tal-Milied u l-granet specjali ta' Lejliet il-Milied, il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u Jum l-Ewwel tas-Sena kif ukoll il-vaganzi ta' l-Ghid u Jum l-Ghid, kif ukoll il-festi pubblici.*

*7. Illi l-kuntratt ma jsemmix min jista' jwassal il-minuri ghall-access jew jigbor il-minuri ghall-access u minn jista' jwassal il-minuri lura mill-access jew jigbor il-minuri lura mill-access, salv ghal klawzola 5 (ii) u dana fejn jidhlu l-isleepovers biss. Illi l-missier f'dak il-hiniZ ta' l-4pm hekk kif stipulat fil-kuntratt mhux dejjem ikun jista' jwassal jew jigbor il-minuri. Izda peress li fil-kuntratt huwa specifikat li il-missier jista' jigbor u jwassal il-minuri ghall-isleepovers, l-intimata tinsisti li jkun ir-rikorrenti innifsu u mhux xi familjari li jigbor lil minuri f'dak il-hin. Lanqas hi ma toffri biex twassal jew tigbor il-minuri hi. Ghalhekk hemm problema. Dina l-problema tikber iktar fejn l-access mhuwiex sleepover u dana ghaliex peress li ma hemm xejn stipulat fuq dana fil-kuntratt, l-intimata qeghda dejjem tirrifjuta li taqsam it- twassil u l-gbir tal-minuri mal-missier u mhux biss, qeghda ukoll tirrifjuta li dan il-gbir u twassil issir minn familjari tar-rikorrenti. Ghalhekk hemm il-htiega li dana jigi varjat u rregolat.*

*8. Illi l-manteniment huwa dovut mill-missier lil omm fl-ammont ta' mitejn Ewro u dana skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Il-klawzola tal-manteniment hija 5 (vi) tal-kuntratt. Din l-klawzola ma hemmx għalfejn tinbidel jekk il-minuri jibqa' jghix ma' l-omm. Tinbidel biss jekk shared residency tigi addottata fejn kull parti jkollha l-obbligu li tmantni lil minuri hi stess salv ghall-ispejjez tas-sahha ta' natura straordinarja, edukazzjoni u attivitajiet estra- kurrikulari if imsemmija fil-klawzola numru 5 (vii) liema spejjez dejjem jinqasmu bejn iz-zewgt partijiet b'mod ugwali. Illi jehtieg illi tinbidel l-ahhar sentenza tal-klawzola 5(vii) u dana fis-sens li jekk il-Minuri ma jibqax jghix ma' l-omm u cioe' jghix separatament mill-genituri l-manteniment dovut lit-Tifel jigi mghoti lilu mhux biss mill-Missier imma anka mill-Omm, u f'kaz li t-Tifel meta jsir maggorenni jmur jghix mal-Missier, l-Omm trid tghaddi tali manteniment ghat-Tifel lil Missier.*

*9. Illi l-attur ipproceda bi proceduri ta' medjazzjoni (Ittra numru 346/2020) illi gew maghluqa fl-4 ta' A.wwissu 2020 skont id-Digriet li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok C u għalhekk kien kostrett illi jipprocedi b'din l-istanza;*

*10. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza ta' l-attur.*

*Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess u prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment li jidhrilha opportun, qieghed umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*1. Tordna illi tigi varjata l-Klawsola 5(i) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien ddatat 20 ta' Lulju 2016, sabiex, il-kura u kustodja ssir esklussiva fuq ir-rikorrenti jew f'kaz li tibqa' kongunta tordna lil partijiet imorru ghal co-parenting courses, bl-intimata tattendi anger management courses;*

*2. Tordna illi jigu varjati l-Klawsoli 5 (ii), (iii) u (iv) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il- partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien ddatat 20 ta' Lulju 2016 fejn jiddettalja r-residenza u l-access tal-minuri b'dana illi r-residenza primarja tal-minuri J tkun mal-missier b'access favur l-omm intimata; jew jekk dina ma tintalaqx residenza bbazata fuq sistema ta' shared residency bil-minuri J ikun tlett ijiem mal-missier u tlett ijiem ma' l-omm b'mod alterant; jew f'kaz li dina ma tintlahaqx jizdied l-access tal-missier inkluz bi sleepovers waqt ix-xhur skolastici, fix-xhur ta' wara l-iskola ossia l-vaganzi tas-sajf, jizdied l-access f'Jum il-Missier, jigi ffissat hin ghal access ghal minuri f'jum gheluq snin il-minuri u jigu stipulati access ghal vaganzi tal-Milied u ta' l-Ghid kif ukoll access fil-granet specjali ta' Lejliet il-Milied, il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena, Jum l-Ewwel tas-Sena u Jum l-Ghid kif ukoll f'gheluq snin il-Partijiet u festi pubblici.*

*3. Tordna illi tigt varjata l-Klawsoli 5 (ii) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien ddatat 20 ta' Lulju 2016 fejn tidhol senjatament l-obbligu tal-gbir u twassil tal-minuri mill-access, fis-sens illi dana l-obbligu jinqasam bejn iz-zewgt partijiet, b'kull parti tkun tista' tinkariga xi familjari sabiex jigbor jew iwassal il-minuri hu stess, liema twassil u gbir għandu japplika ghal kull tip ta' access.*

*4. Tordna illi jigu varjata l-Klawsola 5 (vi) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien ddatat 20 ta' Lulju 2016 fejn f'kaz li l-Minuri jirrisjedi mal-Missier l-Omm trid tghaddi manteniment ghal Minuri lil Missier u f'kaz li jkun hemm shared residency kull parti tmanti lil minuri meta l-minuri jkun maghha;*

*5. Tordna illi tigi varjata l-Klawsola 5 (vii) tal-kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien ddatat 20 ta' Lulju 2016 fis-sens li jekk it-tifel, J, meta*

*jsir maggorenni ma jibqax jghix ma' l-omm u cioe' jghix separatament mill-genituri l-manteniment dovut lit-Tifel jigi mghoti lilu mhux biss mill-Missier imma anka mill-Omm, u f'kaz li t-Tifel meta jsir maggorenni jmur jghix mal-Missier, l-Omm trid tghaddi tali manteniment ghat-Tifel lil Missier.*

*6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att korrettorju relattiv kif jigi ordnat minn din il-Qorti in vista tat-talbiet precedenti u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja ta' l-intimata;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta inkluza dik ta' l-ittra tal-medjazzjoni nru 346/2020, liema konvenuta tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat il-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni annessa;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[3] fejn ġie eċċepit illi:

*Illi l-esponenti taqbel ma' l-ewwel premessa;*

*Illi dwar it-tieni premessa, waqt li hemm qbil fuq il-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ma hemmx qbil li kien illum, wara erba' snin, li tbidlu c-cirkostanzi li qed jimmeritaw varjazzjoni fil-kuntratt ghax ic-cirkostanzi ilhom li tbiddlu mhux illum imma tbiddlu minn kwazi meta il-partijiet isseparaw legalment u dan kien fil-bidu tas-sena 2018 u cioe f'18 ta' April 2018 bil-ftuh ta' l-ewwel ittra tal-medjazzjoni bin-numru 489/18 EC) meta divergenzi bejn il-partijiet irrizulta fi ftuh tal-dawn il-proceduri tal-medjazzjon b'tenttativ li tinstab soluzjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

---

[2] Kuntratt ta' separazzjoni ffirmat quddiem in-Nutar Dr Sean Critien fl-20 ta' Lulju 2016 a. fol. 10.
[3] Fol. 24.

*Illi sfortunatament f'Ottubru 2019, dawn il-proceduri kellhom jingħalqu peress li r-rikorrent ghal bicc l'kbira ma kienx attenda ghas-seduti tal-medjazzjoni u lanqas ma kien wera interess meta kien issugerit li l-partijiet għandhom jattendu 'co-parenting counselling';*

*Illi l-konvenuta dejjem baqghet lura milli tipprocedi f'kawza, partikolarment minhabba l-finanzi, u meta d-diversi tentattivi mall-avukati diversi li kienu jippatroncinjaw lir-rikorrent, fallew, fil-5 ta' Mejju 2020 regghu infethu proceduri ta' medjazzjoni (Ittra tal-Medjazzjoni numru 350/20) u nghalqet wara l-ewwel seduta fl-4 ta' Awissu 2020 minghajr lanqas biss saret xi diskussjoni;*

*Illi dwar l-ewwel talba li tirreferi ghat-tielet premessa li tirrigwardja klawsola 5 (i), senjament il-kura u l-kustodja u r-residenza tal-minuri J l-eccepjenti :*

- *i) ma taqbilx ma' din it-talba tar-rikorrent li l-kuntratt ghandu jkun varjat fir-rigward tal-kura u l-kustodja u r-residenza tal-minuri, stante li, hekk kif ser jigi 'l quddiem ippruvat, ma hemmx ragunijiet validi ghal xi varjazzjoni f'dan ir-rigward;*
- *ii) ma taqbilx li tezisti tant rabja fil-esponenti kontra r-rikorrenti, jew li tghajjat u theddied li jirrikjedu li l-esponeneti tattendi anger management course u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*
- *iii) taqbel pero perfettament mat-talba li, issa, gjaladarba r-rikorrent kien injora s-suggeriment tal-medjatrici li l-partijiet jattendu co-parenting course, ghandha tkun il-Qorti, li fil-mori tal-kawza, tordna l-attendenza ta' dan il-course;*
- *iv) tichad l-allegazzjonijiet kollha li r-rikorenti ghogbu jsemmi dwar minn u meta jittiehdu id-decizjonijiet u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;*

*Illi dwar it-tieni talba, b'referenza ghar-raba' premessa, l-eccepjenti waqt li:*

i) *definitivament taqbel li l-modalita' tal-access kif stipulat fil-kuntratt, senjament fi- kawsoli Klawsoli 5 (ii), (iii), u (iv) ghandu jigi varjat u dan, peress li kien partikolarment minhabba din il-modalita' kienu infethu zewg proceduri tal-medjazzjoni li sfortunatament, kif intqal aktar il-fuq kienu fallew;*

ii) *taqbel li, jekk ikun il-kaz, bil-varjazzjoni tal-modalita', l-access jista' jizdied, pero dejjem ghandu jkun ikkunsidrat l-interessi tal-minuri, u mhux id-dritt tar-rikorrenti;*

iii) *ma tistax, pero taqbel li huwa l-kas ta' shared residency u dan kif ser jigi ppruvat fil- mori tal-kawza li shared residency ma hiex is-soluzzjoni sabiex tigi solvuta il-divergenzi li jezistu bejn il-partijiet fil-kwalita' tat-trobbija tal-minuri;*

*Illi dwar it-tielet talba, l-eccepjenti ma tarax lok li tirrikjedi xi varjazzjoni f'klawsola 5 (ii);*

*Illi hemm qbil ghar-raba' talba fejn si tratta jekk il-Minuri jbiddel ir-residenza minn mall-Omm ghall mall-Missier u f'kas li jigi deciz is-shared residency, l-eccipjenti tirrimetti ruha ghad-decizjoni tal-Qorti;*

*Illi hemm qbil ghall-hames u s-sitt talba.*

*Illi finalment l-eccepjenti ma ghandiex tbati l-ispejjes ta' din il-kawza stante illi kien ir-rikorrenti li minn dejjem kien riluttanti li jilhaq xi ftehiem civili u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri J bin-numru progressiv 1445 tas-sena 2014;[4]

[4] Fol. 9.

Rat id-digriet tal-4 ta' Awwissu 2020 fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedi b'kawża *entro* t-termini mposti mill-liġi;

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 2020[5] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma` l-provi bis-soliti fakultajiet u d-digriet tal-31 ta' Diċembru 2020[6] li bih il-Qorti ssostitwiet lil Dr Critien b'Dr Maria Dolores Gauci bl-istess inkarigu u fakultajiet u l-verbal tat-23 ta' April 2024[7] f'liema seduta l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Gauci li rtirat u ssostitwietha b'Dr Sean Apap Meli;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti kollha tal-professjonisti involuti fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm permezz ta' affidavits u kif ukoll *viva voce*;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[8]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

---

[5] Fol. 27.
[6] Fol. 28.
[7] Fol. 480.
[8] Fol. 501.
[9] Fol. 534.
[10] Verbal tat-30 ta' Ottubru 2024 a fol. 500.

Wara li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni u ftehmu *inter alia* dwar il-kura u kustodja, l-aċċess u l-manteniment tat-tifel tagħhom J li twieled fis-16 ta' Marzu 2014 u għalhekk illum għandu ħdax-il (11) sena, issa permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob varjazzjoni fit-tali kuntratt. Huwa jitlob lill-Qorti sabiex tordna li jiġu varjati diversi dispożizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ffirmat fl-20 ta' Lulju 2016 li għandhom x'jaqsmu mal-kura u kustodja, residenza u aċċess għall-minuri u jekk ikun hemm bżonn, riżultat ta' dawn il-varjazzjonijiet, jitlob li jiġu wkoll varjati l-klawżoli li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment tat-tifel soġġett għat-tibdil li l-Qorti tordna rigward ir-residenza tal-minuri.

Il-konvenuta permezz tar-risposta ġuramentata tagħha tgħid li hija taqbel li għandu jkun hemm varjazzjoni fil-kuntratt biex b'hekk l-aċċess tat-tifel jiżdied però dan dejjem isir fl-aħjar interess tal-minuri iżda ma taqbilx ma' *shared residency* li tgħid li mhux ser issolvi d-diverġenzi ta' bejniethom dwar it-trobbija tat-tifel.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

1. *L-attur jippreżenta l-affidavit tiegħu fis-seduta tat-2 ta' Frar 2022*[11] u permezz tiegħu jgħid illi huwa ssepara minn mal-konvenuta permezz ta' kuntratt iffirmat fl-2016 meta t-tifel tagħhom J kellu sentejn.

   Jgħid li huwa ottjena wkoll l-annullament li jgħid li jagħmel referenza għar-rabja u aggressjoni li turi l-konvenuta, li kienet wasslet għat-tkissir taż-żwieġ għaliex jgħid li hu ma riedx li t-tifel jikber jara dan l-abbuż verbali minn ommu fuq missieru. Jgħid li t-tifel xorta jgħidlu li ommu tirrabja ħafna fuq affarijiet żgħar

[11] Fol. 241.

(mhux mat-tifel). Jgħid li t-tifel jgħidlu li dara li ommu hija hekk u meta tibda tirrabja huwa jmur f'kamartu u joqgħod kwiet. Jgħid li jibża li anke l-kuntatt li jkun hemm bejnu u l-konvenuta meta jieħu lit-tifel għall-aċċess jista' jaffetwa lit-tifel b'mod negattiv għaliex il-konvenuta tgħajjat miegħu u twaqqgħu għaċ-ċajt quddiem it-tifel. Jgħid li l-abbuż verbali ma jonqosx.

Ikompli li huwa fetaħ din il-kawża biex ikollu iktar ħin mat-tifel u li l-konvenuta mhux talli ma tridx tagħtih iktar ħin, talli tgħidlu li issa għandu jkollu inqas ħin għaliex it-tifel issa kiber u għandu l-attivitajiet tiegħu. Jilmenta wkoll li hija ma tridx tinvolvih fl-edukazzjoni tat-tifel. Jgħid li b'hekk kellu jikkuntatja l-iskola hu u hemm beda jirċievi informazzjoni dwar it-tifel u l-attivitajiet tiegħu u jattendi l-attivitajiet tat-tifel. Jgħid li huwa mhux biss jattendi dawn l-attivitajiet iżda wkoll jinvolvi ruħu fl-aspett akkademiku tat-tifel u jgħinu jagħmel il-*homework*. Jgħid li hu jrid ikun infurmat dwar dak li għandu x'jaqsam mal-katekeżi tat-tifel iżda f'dan l-aspett jgħid li għal xi raġuni l-konvenuta żżommu nfurmat. Jgħid li apparti l-aspett akkademiku u reliġjuż tat-tifel, huwa jara li jkollu *an all round upbringing* u jqatta' ħin jilgħab miegħu u jagħmel attivitajiet miegħu fuq barra bħaċ-ċikliżmu, għum *etc*.

Jgħid li huwa għalhekk irid li jitranġaw ċerta klawżoli fil-kuntratt mhux biss għax il-kuntratt kien magħmul madwar il-bżonnijiet ta' tifel ta' sentejn, iżda wkoll għaliex ċertu klawżoli jgħid li kienu vagi u l-konvenuta tieħu vantaġġ minn dan u tinterpreta l-kuntratt kontrih. Jgħid li magħha ma ssibx kompromess. Jgħid li per eżempju fi żmien l-ewwel l-*lockdown* tal-pandemija tal-COVID, hija kienet waqqfet l-aċċess mingħajr raġuni u spiċċa jirraportaha u nstabet dejjem ħatja quddiem il-Qorti Kriminali. Jgħid li mbagħad minflok ammettiet it-tort bdiet tbeżża lit-tifel u tgħidlu li missieru ried

jibgħatha l-ħabs. Jgħid li t-tifel dam ġimgħa biex jikkalma wara dan l-episodju li tassew affetwah. Jgħid li huwa kontra ħafna li jinvolvu lit-tifel fl-affarijiet ta' bejniethom għall-kuntrarju ta' dak li tagħmel il-konvenuta. Jinduna li l-konvenuta tgħidlu ċerta affarijiet dwar il-proċeduri legali għaliex it-tifel juża ċerta kliem li ma hux ta' tifel tal-età tiegħu. Jgħid li wara ħafna insistenza minn naħa tiegħu, l-konvenuta aċċettat li jibdew jattendu *family therapy* ma' Angele Vella u wara li attendiet tlieta (3), erba' (4) sessjonijiet, il-konvenuta qaltlu li trid tipposponi dawn is-sessjonijiet minħabba l-pandemija. Jgħid li kien inutli li tgħidilha mod ieħor.

Minn Marzu 2021 jixhed kif Lufthansa Technik, fejn kien jaħdem, biddlulu s-*shift* minn *three days in and three days out* għal ġranet sal-3.45pm u għalhekk staqsa lill-konvenuta biex jirranġaw l-aċċess tat-tifel. Madanakollu l-konvenuta baqgħet tinsisti li hemm kuntratt. Jgħid li kellu jagħmel rikors il-Qorti u issa qed iqatta' ħafna iktar ħin mat-tifel.

Jgħid li r-relazzjoni tiegħu ma' J hija waħda tajba ħafna u jħobbu u jirrispettaw lil xulxin. Jgħid li t-tifel jiftaħ ħafna qalbu miegħu u jissupportjah f'kull ma jagħmel. Jgħid li jikkunsidra lilu nnifsu bħala missier tajjeb u li jagħmel kollox għal ibnu. Jemmen li għandu jkollu iktar ħin ma' ibnu u li J ukoll jixtieq li jkollu iktar ħin miegħu. Jgħid li madanakollu l-konvenuta toqgħod tgħid lit-tifel li seta' mar hemm u seta' mar hawn waqt il-ħinijiet li jkun ma' missieru biex b'hekk it-tifel iħossu li għax mar ma missieru qed jitlef xi ħaġa oħra. Huwa konvint li hija qed tipprova taljenah minnu.

In kontro-eżami[12] huwa jiġi mistoqsi għalfejn qal li l-kuntratt kien *tailored for a two year old* meta fil-fatt fil-

[12] Seduta tat-30 ta' Marzu 2022 a fol. 298.

kuntratt kienu provdew għal meta t-tifel jibda l-iskola. Huwa jwieġeb illi hu fetaħ din il-kawża għaliex ried iktar ħin mat-tifel. Jgħid li fis-sajf tat-2021 kien inbidel l-aċċess u beda jieħu lit-tifel "*From Monday to Tuesday, Wednesday to Thursday*" u fil-*weekend* jew mill-Ġimgħa għas-Sibt jew mis-Sibt għall-Ħadd. Jgħid li huwa kien beda jaħdem ġranet u għalhekk kien joqgħod mat-tifel sa x'ħin jorqod u l-għada wara x-xogħol imur ħdejh sat-8pm. Huwa jispjega li l-*anger issues* li kellha l-konvenuta kienu jimmanifestaw ruħhom f'għajjat miegħu.

Jgħid li għalkemm kellu kura u kustodja konġunta kien jippretendi li l-konvenuta tgħidlu bl-affarijiet tal-iskola u mhux ikollu jitlob l-iskola biex iżżommu nfurmat. Huwa jikkonferma li fejn jidħlu attivitajiet tal-Mużew attenda għall-Preċett. Jgħid li fi żmien il-COVID għamel rapporti li ma kinitx tagħtih l-aċċess għat-tifel. Jiċħad li t-tifel qed juri attitudni differenti u li jinħass iktar nervuż u aġitat. Huwa jgħid li t-tifel ma bediex jgħid ċertu affarijiet wara li nbidel il-*pattern* tal-aċċess iżda beda jitkellem hekk għaliex meta nbidel il-*pattern* tal-aċċess bdew jingħadu ċerta affarijiet lilu.

*Sabiex jikkorabora l-verżjoni tiegħu l-attur jippreżenta x-xhieda s-segwenti:*

2. *Affidavit ta' K A ossija ħu l-attur preżentat fis-seduta tat-2 ta' Frar 2022*[13] li jispjega li ħuħ l-attur joqgħod mal-ġenituri tiegħu iżda hu ma joqgħodx magħhom u għalhekk kull meta n-neputi J imur għand il-ġenituri tiegħu huwa jagħmel mezz biex imur.

   Huwa jfaħħar ir-relazzjoni li ħuħ għandu mat-tifel u jinnota wkoll li t-tifel jafda ħafna lil missieru. Jgħid li l-attur jagħmel ħafna ma' ibnu, per eżempju għallmu

[13] Fol. 247.

jsuq ir-rota, jgħinu fl-aspett akkademiku u kellu jkun hu li jitlob lill-iskola għall-informazzjoni fuq ibnu għaliex il-konvenuta ma tatu l-ebda informazzjoni. Jgħid li jarah pazjenti ħafna mat-tifel u li jgħallmu *life skills* u mhux affarijiet akkademiċi biss. Jgħid li jara li t-tifel jafda ħafna lil missieru u li missieru jfaħħru ħafna u jagħtih ħafna *sense of security.* Jgħid li ħuħ ma jsemmix lil ommu quddiem it-tifel u lanqas it-tifel ma jsemmiha. Jispjega li l-konvenuta baqgħet l-istess bħal meta kienu miżżewġin, tieħu d-deċiżjonijiet weħedha fejn jidħol it-tifel u jekk ħuħ ma jaqbilx magħha tintilef f'rabja. Jirrakkonta wkoll l-episodju fejn il-konvenuta qalet lit-tifel li missieru ried jibgħatha l-ħabs u kemm dan l-episodju affetwa lit-tifel.

Mistoqsi fil-kontro-eżami[14] jekk qattx sema lill-konvenuta tgħajjar lil ħuħ jgħid li darba semgħaha tgħajjru fuq it-telephone. Jgħid li t-tifel saħansitra staqsieh hux vera li hu "*laburist maħmuġ*".

3. <u>*Affidavit ta' T A ossia omm l-attur, preżentat fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021*[15] *u xhieda tagħha waqt l-istess seduta*[16]</u> li tikkorabora l-verżjoni ta' binha l-attur u tgħid li l-attur jgħix magħhom u ilu jgħix magħhom minn meta ssepara minn mal-konvenuta. Tgħid li qabel l-aċċess kien limitat iżda li issa t-tifel kien qed imur iktar spiss u t-tifel ikun jidher ferħan se jtir ma' missieru. Tgħid li meta jiġi biex jitlaq igerger li l-ħin kien qasir wisq. Tixhed dwar ir-relazzjoni sabiħa li tgħid li għandhom l-attur u t-tifel u li t-tifel jirrispetta ħafna lil missieru. Tgħid ukoll li l-attur jgħin lit-tifel fil-*homework* u jagħmlu wkoll ħafna attivitajiet flimkien barra mid-dar.

Tgħid li l-konvenuta aggressiva ħafna fi kliemha u ma toqgħodx lura milli tumilja lill-attur quddiem it-tifel u

[14] Seduta tat-30 ta' Marzu 2022 a fol. 311.
[15] Fol. 146.
[16] Fol. 159.

anke quddiemhom.  Tgħid li kienet tgħajjru ħafna quddiemhom u darba ratha bit-tifel f'idha u tant bdiet tirrabja u ssabbat il-ħadida tal-mogħdija li kienet ser twaqqa' lit-tifel.  Tgħid li għalkemm isseparaw l-attitudni tagħha lejn l-attur baqgħet l-istess.  Tgħid li t-tifel ikun jidher imbeżża meta ommu tagħmel hekk lil missieru quddiemu.  Tgħid li għalkemm it-tifel bil-kemm jitkellem fuq ommu, jgħidilhom li meta ommu tgħajjat miegħu jagħlaq għajnejh u joqgħod kwiet u jistenniha tikkalma. Tispjega li l-attur jinvolvi ruħu f'kull aspett tal-ħajja tat-tifel.  Tgħid li fi żmien il-COVID il-konvenuta ċaħdet lill-missier kull aċċess għat-tifel u t-tifel kien fis-seba' sema meta tħalla jerġa' jara lil missieru.

Tixhed illi riċentement bdiet tinnota li t-tifel kultant kien qed ikun irrabjat ħafna wara li jgħidilhom li jkun tilef xi ħarġa mal-familjari tal-omm għaliex ikun mar għall-aċċess ma' missieru.  Tgħid li riċentement lilha wkoll ġieli beda jgħidilha li ma hi kapaċi tagħmel xejn u juża ħafna l-kelma "*loser*".

In kontro-eżami[17] tgħid li meta t-tifel jorqod filgħaxija, binha jmur jorqod għand il-*partner* tiegħu.  L-għada tgħid li l-attur imur lura d-dar għal ħabta tal-4pm wara x-xogħol.  Tispjega li riċentement kien hemm inċident fejn semgħet lill-konvenuta tgħajjat barra ma' binha u J mir-raba' sular tal-flat tagħhom.

4. *__Affidavit ta' H A ossia missier l-attur, preżentat fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021[18]__* li jikkorabora l-verżjoni ta' omm l-attur.

5. *__Xhieda ta' RCP 3141 Z X fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021[19] li__* tippreżenta rapporti li għamel l-attur fil-konfront tal-konvenuta.

[17] Seduta tat-30 ta' Mejju 2023 a fol. 350.
[18] Fol. 148.

6. *Xhieda ta' S G in rappreżentanza ta' Lufthansa Technik Malta fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021*[20] li jixhed dwar is-skeda tax-xogħol tal-attur li qabel Marzu 2021 kien jaħdem *3 days in 3 days out* bit-*3 days in* ikunu jikkonsistu f'xogħol mis-7am sas-7pm, *b'rotation* ta' sitt (6) ijiem. Minn l-1 ta' Marzu 2021 huwa beda jaħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa minn 6.45am sat-3.30pm. Jgħid li l-attur ilu jaħdem mal-Lufthansa mit-8 ta' Awwissu 2011.

7. *Xhieda ta' N Z, in rappreżentanza ta' Aviaserv fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021*[21] li tixhed illi Aviaserv hija l-kumpanija li magħha taħdem il-konvenuta. Tgħid li hija għandha salarju *gross* ta' €16,945 minħabba l-COVID u qabel kellha paga ta' €19,945. Tippreżenta wkoll dokument tas-*shift* pattern tal-konvenuta li ma hux wieħed fiss iżda hija taħdem *full-time* f'ħinijiet diversi, l-importanti li tgħaqqad erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa.

8. *Xhieda ta' Joseph Saliba, in rappreżentanza tal-JobsPlus fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021*[22] li jippreżenta żewġ (2) dokumenti bl-*employment history* tal-partijiet.

9. *Xhieda ta' Saviour Theuma, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021*[23] li jippreżenta dokument bil-benefiċċji soċjali li ħadu ż-żewġ partijiet.

---

[19] Fol. 69.
[20] Fol. 73.
[21] Fol. 76.
[22] Fol. 80.
[23] Fol. 82.

10. *Xhieda ta' VV, għalliema fl-iskola primarja ta' Birkirkara fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021*[24] li tixhed li hija l-għalliema ta' J. Tippreżenta kopja tal-*attendance sheet* tat-tifel. Hija tgħid li t-tifel għandu komportament normali *"Igib ruhu kwiet, jigifieri jahdem, jekk ma jifhimhx xi haga jsaqsi, jigifieri; xoghlu jaghmlu Homework dejjem gabu; dejjem libes jigifieri bl-uniformi nadifa u pulita. Hbieb ghandu, u jekk jilghab fil-break jigifieri ghandu ma' min jilghab…"*

11. *Xhieda ta' XX, għalliema fl-iskola primarja ta' Birkirkara fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021*[25] li tgħid li hija għalliema tat-tieni sena u kienet tgħallem lil J is-sena ta' qabel. Hija tippreżenta kopja tal-*behavioural reports* tat-tifel u tal-*attendance sheet* tiegħu. Tgħid li t-tifel għamel avvanz sabiħ fl-iskola u ż-żewġ partijiet kienu attendew il-*parents day* tat-tifel.

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnu:*

1. *Il-konvenuta tixhed waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2023*[26] u tixhed dwar id-diżgwid bejnha u l-attur u tgħid li qed tiddejjaq li t-tifel qed jintuża bħal ballun. Tgħid li l-misiser jopponi għall-affarijiet tat-tifel mingħajr ma jagħtiha raġuni. Eżempju ta' dan tgħid li hija s-*summer school* tat-tifel li t-tifel jixtieq jattendi mit-Tnejn sal-Ġimgħa għax hemm jiltaqa' ma' sħabu. Tgħid li l-attur jaħdem kif jaqbillu u ssemmi eżempju ta' l-ewwel darba li kellu Ninjutsu t-tifel u t-tifel kien ma' missieru għax kien is-Sibt u għax missieru kellu pjan ieanħor ma ħadux għaliex ma jkunx irid ibiddel il-pjanijiet.

[24] Fol. 177.
[25] Fol. 180.
[26] Fol. 356.

Tgħid li rigward is-*summer school* l-attur qalilha tibgħatu fil-ħinijiet li t-tifel ikun magħha u tippreżenta kopja tal-konverżazzjoni li kellhom f'dan ir-rigward. Tilmenta li l-attur qatt ma rrispondiha dwar indirizz fejn ikun it-tifel waqt l-aċċess. Tgħid ukoll li kull ħin li jkollu mnaqqas mill-aċċess ikun iridu lura. Iġġib eżempju ta' meta għall-*party* li kellu t-tifel l-attur kien se jitlef nofsiegħa mill-aċċess ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa (aċċess li jkollu fil-*weekend*) u din in-nofsiegħa ried iżida f'xi ħin ieħor. Tgħid li f'dan il-*party* mar jiġbor lit-tifel hu u għax damu ftit minuti żejda fil-*party* (hi kienet il-*party* mat-tifel) qagħad jibgħatilha messaġġi bħal "*Ma jimpurtax min 17.30 nibdew inżidu l hin ada mela".* Hija tippreżenta kopja ta' dawn il-messaġġi. Tgħid li din forsi kienet it-tieni darba li t-tifel attenda xi *party* li mess ftit il-ħin tal-aċċess.

Tispjega wkoll illi l-attur huwa ossesjonat li t-tifel mhux vera li jkun ma jiflaħx u jaħseb li tkun qed tgħidlu hekk biex ma tibgħatux għall-aċċess. Tgħid li imbagħad joqgħod iċempel lit-tifel u jistaqsih x'għandu u x'qallu t-tabib meta t-tifel għandu biss disa' (9) snin. Tgħid li meta kien iżgħar u kien ikollu d-deni ma kinitx toħorġu bħal ma ħadd ma joħroġ lit-tfal żgħar meta jkollhom id-deni.

Tispjega wkoll li qabel kienet tinqeda b'tabib partikolari iżda li l-attur kien jifthiem miegħu biex jekk jista' jkun ma jagħmilhiex ċertifikati ħalli t-tifel ikun jista' jmur għall-aċċess. Tgħid li t-tabib qalilha dan b'mod ċar f'għeluq snin l-attur u għalhekk kellha tbiddel it-tabib u bdiet tinqeda b'Dr Dennis Vella Baldacchino, t-tabib tal-familja tagħha. Tgħid iżda li ma' dan it-tabib l-attur ma kienx iħossu komdu u allura kellha tbiddlu wkoll.

*Hija tixhed ukoll permezz ta' affidavit preżentat permezz ta' nota fit-3 ta' Ottubru 2023* fejn hija tgħid li t-tifel sar pupazz ta' missieru u l-attur joqgħod ikejjel bir-riga li jkollhom ħin indaqs mat-tifel biex imbagħad meta jasal il-waqt it-tifel jitħalla ġurnata man-nanniet. L-attur ukoll ma jkunx irid li t-tifel imur ċerta attivitajiet waqt il-ħin tal-aċċess. Huwa ma jqisx li dawn huma affarijiet importanti għat-tifel u jippretendi li jkun ikkumpensat kull darba li t-tifel ikollu xi ħaġa waqt il-ħin tal-aċċess. Tgħid li hi lanqas ma tippretendi li tmur tiġbor lit-tifel hi wara l-ħin tal-aċċess meta hi tkun qed tipprepara kollox għat-tifel għal meta jirritorna.

Tgħid li temmen ukoll li meta t-tifel ikun ma jiflaħx u allura ma jmurx skola huwa lanqas ma jmur għall-aċċess, tant li anke t-tabib tipprova ġġibulu d-dar.

Hija tipproponi mod kif jista' jinbidel l-aċċess.

Tgħid li meta kienu miżżewġin, l-attur ma kienx jgħin wisq fid-dar iżda meta kienu jkunu barra kien iħoss li qisu *he needs to prove himself* quddiem in-nies u kien ikun irid ibiddel il-ħarqa tat-tifel hu u jtih jixrob hu. Tgħid li mbagħad meta beda jieħdu għall-aċċess kien dejjem ikun irid lil xi ħadd miegħu u qisu kien jibża joqgħod waħdu bit-tifel.

Tixhed illi l-ewwel darba li kellhom seduta ta' medjazzjoni, t-tifel kellu biss għaxar (10) xhur u dak iż-żmien kien żmien importanti li tkun taf ir-rutina tat-tifel iżda meta hi talbet lill-attur jispjegalha dwar xi jkun għamel it-tifel kien jgħidilha li ma għandux għalfejn jagħtiha rendikont. Tgħid li kien jaqbad jirrekordja kull konverżazzjoni li kien ikollhom. Kien saħansitra darba ta l-mediċina lit-tifel li kien jaħraq u meta ħadulha lura lanqas qalilha li kien tah il-

mediċina u kieku hi ma staqsietx lit-tifel kienet terġa' ttih il-mediċina doppja. Tgħid li kull darba li kienet tipprova tispjega lill-attur x'kellu jagħmel lit-tifel biex ikomplu bl-istess rutina, huwa kien jirrispondi b'tonn agressiv li m'għandux bżonn lilha tgħidlu x'għandu jagħmel. Tipproduċi nfatti messaġġi dwar dan.

Tilmenta li ma ssibx koperazzjoni mill-attur u huwa ossesjonat li kull attività tat-tifel se ttelfu l-ħin tal-aċċess. Tispjega dwar meta riedet tibda sessjonijiet ta' sport għat-tifel u għamlet ir-riċerka kollha u bagħtitha lill-attur. Il-konvenuta qaltlu li l-aħjar li ikun is-Sibt filgħodu iżda huwa beda jgħidilha li hekk ma hux ser ikun jista' jieħu lit-tifel postijiet is-Sibt filgħodu għaliex hu kien jieħu lit-tifel darba mill-Ġimgħa għas-Sibt u darba mis-Sibt għall-Ħadd. Tgħid li l-ewwel beda jdum ma jagħtiha risposta, imbagħad beda jgħid li ġieli jkun xogħol nhar ta' Sibt għax ikollu l-*overtime*. Il-konvenuta tipprova turih li anke hi ġieli tkun xogħol Sibtijiet.

Tispjega kif meta l-aċċess kien jibda fl-10am u t-tifel kien iqum ma jiflaħx, mhux dejjem kien ikollha ċertifikat qabel l-10am. Tgħid li t-tabib kien jgħidilha li l-attur kien iċempillu qabel u jgħidlu biex joqgħod attent x'jgħid għaliex dak li ħa jgħid jaffetwa lilu. Ħareġ fil-fatt li dan it-tabib kien intimidat mill-attur li propju f'għelqu sninu (għeluq snin l-attur) ċempillu u qallu biex ma joħroġx ċertifikat lit-tifel għalkemm dan kien marid għaliex inkella ma kienx ser ikun jista' jieħdu. Minn dak iż-żmien tgħid li ma baqgħetx tħossha komda tinqeda b'dak it-tabib li naturalment ma kienx qed jaġixxi fl-aħjar interess tat-tifel. Hija ddeċidiet li tibdel it-tabib li kien it-tabib tal-familja u li anke l-attur kien jinqeda bih. L-attur iżda ma riedx lil dan it-tabib għaliex ma' dan ma setax joqgħod iċempillu u jgħidlu x'kellu jagħmel kif kien jagħmel

mat-tabib l-ieħor.  Tgħid li rċeviet ittra mill-avukat tal-attur tgħidlu li ma humiex ser jiġu aċċettati ċertifikati minn dan it-tabib għaliex huwa *biased*.  Tgħid li hi nfurmat it-tabib li meta sema' hekk irrifjuta hu stess li jara lit-tifel.  Tgħid li allura qalet lill-attur jissuġġerixxi tabib hu għat-tifel iżda hu ma ħassx li kien dmir tiegħu ifittex tabib hu.

Tispjega l-problemi li kellhom fiż-żwieġ u li l-attur ma kienx ikun irid jaffaċja.  Kien jagħmel l-affarijiet kif komdu hu, imbagħad meta ma baqgħetx taċċetta dak kollu li jgħid u jagħmel hu, iddeċieda li jmur għand avukat u jibda l-proċeduri.  Sakemm kienu għadhom it-tnejn fid-dar matrimonjali tgħid li kienet tissakkar ġol-kamra tas-sodda ġranet sħaħ għaliex hu kien jgħidilha li la hu qiegħed id-dar it-tifel kellu jibqa' d-dar.  Tirrrakkonta li kien ukoll ossesjonat fuq it-tifel u ma kien ikun irid lil ħadd jerfgħu.  Waqt il-festin tal-magħmudija tgħid li ngħalaq fil-kamra tas-sodda bit-tifel biex ħadd ma jmissu, jarah u jerfgħu.

Tgħid li fl-aħħar medjazzjoni hija kienet issuġġerit li xi professjonist jara lit-tifel għaliex innotat bidla negattiva fih u li t-tifel kellu ħafna rabja mhix normali għal tifel ta' sitt (6) snin.  Ftit qabel ma nfetaħ dan il-każ imbagħad F'Novembru 2020 tgħid li l-attur ried ikellimha u ssuġġerixxa li lit-tifel jibda jarah xi professjonist.  Tgħid li hu qatt ma seta' jaċċetta li l-attitudni tat-tifel kienet ġejja mis-sitwazzjoni tagħhom u kien jgħidilha li miegħu t-tifel jaġixxi b'mod eżemplari.

Tilmenta li aċċess sas-7pm joħloq ħafna ġenn u għaġla biex imbagħad it-tifel jilħaq jorqod fil-ħin.  Tgħid li J igerger li jħossu qisu ballun bejn il-ġenituri u ma jkunx dejjem onest ma' missieru għaliex jibża' mit-*timeouts* li dan jagħtih.  Tgħid li n-nanna

paterna, li magħha joqgħod ħafna drabi waqt il-ħin tal-aċċess għaliex il-missier imur għax-xogħol, *"sikwit timpika miegħu, tobżoqlu f'wiċċu, tgħajjru ħmar, tgħidlu biex jaqlagħha meta teħillu jew ikun għadu qed jaħseb x'se jgħid waqt li qed jitkellem, u li tgħid f'wiċċu "I'm stuck in here because of him"."* Fil-fatt tgħid li t-tifel qal li meta missieru ma jkunx id-dar ma għandux għalfejn imur għall-*isleepovers* man-nanna meta xorta jispiċċa jagħmel il-ġurnata magħluq id-dar u ma jingħata l-ebda attenzjoni. Tgħid li minn naħa l-oħra meta l-attur kien mal-*partner* V, din kienet tinkoraġġixxi lil missieru jżidlu l-ħin tat-*timeout* u t-tifel qatt ma kien ikollu ħin ta' kwalità ma' missieru għaliex V kienet tkun dejjem preżenti. Tgħid li minn lejliet l-aċċess it-tifel jibda jistaqsi l-għada jmissux ma' missieru u jivvinta skużi biex ma jmurx.

Tgħid li t-tifel konvint li meta missieru jkollu partner oħra ser jerġa' jitħalla fil-ġenb. Tkompli li fis-Sajf meta kien jitlaq għall-aċċess fit-8pm kien iġiegħlha ċċempillu ftit wara biex tgħidlu *good night* u kien ikun ċert li n-nanna ma tħallihx iċemplilha. Tgħid li t-tifel għandu żewġt uċuħ li jinbidlu skond ma' liem ġenitur ikun u li bejn iż-żewġ *households* ma hemmx kontinwita għaliex ma hemmx komunikazzjoni bejniethom iżda l-missier ikun irid jimxi strettament mal-kuntratt mingħajr il-kapaċità li jadatta għas-sitwazzjonijiet li jafu jimponu l-bżonn ta' kambjamenti temporanji fil-kuntratt.

Tgħid li tħoss li l-attur juża lit-tifel purament għall-pika għaliex imbagħad ma kien jiddejjaq xejn isiefer fit-tul mal-*partner* li kellu u lanqas biss iċempel lit-tifel jew jibgħatlu messaġġ biex jistaqsi kif inhu. Magħdud ma' dan il-komunikazzjoni magħha tgħid li ma teżistix għaliex għal kull ħaġa huwa jikkomunika

magħha bl-avukat. Tgħid li nfatti fit-tliet ijiem li ma kienx ikollu aċċess ma kienx jimpurtah mit-tifel. Fil-fatt tgħid li l-attur jattendi biss il-kunċerti tal-Milied tat-tifel u ma jattendix laqgħat ta' informazzjoni *etc* tal-iskola, mużew *etc*. Tgħid li t-tifel li jixtieq mhux li jqatta' iktar ħin ma' missieru iżda li jqatta' ħin ta' kwalità ma' missieru u mhux ma' membri oħra tal-familja.

Tispjega li kien hemm problemi bil-*partner* tal-missier u li meta din kienet tagħmel xi ħaġa li ddejjaq lit-tifel, mingħajr verifikazzjoni l-attur kien iżomm magħha. Tgħid li t-tifel wasal biex jistaqsi meta din ser titlaq u rrealizza waħdu, meta dak iż-żmien kellu biss sitt (6) snin, li jekk jagħmel dak li jgħidlu missieru kien jiffranka għajta jew *timeout* u b'hekk kien anke juri affezzjoni lejn il-*partner* ta' missieru biex bħal "*jagħlaqlu ħalqu*". Tgħid li minn naħa tagħha, t-tifel jirreferi għal-*partner* tagħha bħalha *steppdad* u anke jgħid li aħjar missieru kien Micheal milli B.

Tgħid li lit-tifel l-attur idaħħallu ħafna flieles f'moħħu u li minn meta kien żgħir kien jgħidlu li jista' jiddeċiedi hu ma' min imur jgħix, jinforma lit-tifel kull meta jkollhom jidhru l-Qorti u jagħmel rapporti mal-Pulizija u jgħid lit-tifel bihom. Lit-tifel jgħidlu li hi kisret il-liġi u għalhekk ikollu jirrapportaha. Tgħid li meta t-tifel kellu madwar tliet (3) snin, dan kien qalilha xi ħaġa li xxukkjaha. Staqsiha tistax tgħinu f'xi ħaġa għaliex ried li jaqbad lil missieru u lil nannuh u jqattahom biċċiet u jpoġġihom ġo vażett għax ħass li ma jħobbuhx. Tgħid li meta fis-6 ta' Diċembru 2020 kellha mandat ta' arrest li seħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' komunikazzjoni mal-avukata li kellha, it-tifel mil-ewwel induna li dak li ġara kien b'xi mod relatat ma' missieru u ma kienx il-każ li

huma kienu qed jgħidulu x'kien qed jiġri biex jgħawwuh kontra missieru. Tippreżenta tpinġija li għamel it-tifel fejn fiha ħareġ id-dwejjaq li ħass dak il-ħin.

Tkompli dwar abitudnijiet ħżiena li għandu l-missier f'dak li jirrigwarda ikel *unhealthy* li jagħti lit-tifel. Tgħid ukoll li l-*homework* dejjem sar id-dar tagħha u hi tieħu ħsieb l-uniformijiet tat-tifel, ħasil ta' ħwejjeġ *etc*. Tixhed illi t-tifel darba qalilha li n-nanna paterna qaltli "*I would pay all the money that I have just to see your family in pain".* Il-biża tagħha tgħid li hi li l-attur jibda jraqqad lit-tifel ma' kull *partner* li jkollu għaliex lit-tifel dejjem ikaxkru f'kull relazzjoni. Tgħid li t-tifel jitlaq minn magħha għall-aċċess b'geddum u apatija.

Tgħid li fil-fatt meta kienet għada tqila, l-attur kien jgħid li lil ommu mhux ser jafdaha mat-tarbija għaliex ma kienx ċert li taf tieħu ħsiebha. Tant kien jimpika magħha li lanqas ried jagħtiha *updates* dwar it-tqala u meta daħlet l-isptar twelled lanqas qalilha u saru jafu biss xi sagħtejn wara li welldet. It-tifel meta kien għadu żgħir kien jgħid "*id-dada putinell ghax hekk tghidlu n-nanna T"* – dan kien jirrepeti li jisma' u ma kienx jaf xi tfisser il-kelma *purċinell.* Tgħid li għalkemm omm l-attur tgħid li l-attur isegwi anke l-Mużew tat-tifel, dan kien il-każ biss għaliex fi żmien il-COVID il-lezzjoni kienet issir *online* waqt il-ħin tal-aċċess imma meta marru lura għall-laqgħat u l-laqgħa ma kinitx issir waqt il-ħin tal-aċċess, hemm l-attur ma baqax juri nteress.

Tgħid li l-attur irid jibqa' bl-istess aċċess fix-Xitwa meta fil-verità ser iqatta' l-istess ammont ta' ħin mat-tifel għaliex il-bqija hu jkun xogħol u t-tifel joqgħod man-nanna.

In kontro-eżami[27] tgħid li hi tippretendi li jekk il-missier qed jiġġieled għall-aċċess it-tifel ikun miegħu f'dan il-ħin. Tgħid li t-tifel ma jixtieqx jaqta' l-Ninjutsu kif qed jiġi suġġerit lilha u jixtieq fil-fatt ikompli ż-żewġ attivitajiet u li jekk qed jgħid hekk qed jgħid hekk lil missieru *to please him.* Tgħid li anke meta kienet tqila bit-tarbija li għandha issa, J kien jgħidilha li missieru kien joqgħod jistaqsih u jikkummenta dwar it-tarbija u lil min tixbah. Hija tgħid li l-problema hija li l-attur għandu ħafna flieles f'moħħu dwar li hi ma tridx tagħtih aċċess meta dan mhux il-każ. Tgħid li l-attur ma hux kapaċi jitkellem dwar dak li jkollhom jagħmlu differenti mill-kuntratt per eżempju meta ma jkunx jista jieħdu f'xi ġurnata partikolari u allura kull ma jrid li jistaqsi biex jieħdu ġurnata oħra. Jikkomunika wkoll biss bil-messaġġi għaliex tgħid li jrid il-provi ta' kollox. Tgħid li l-inkwiet minn naħa tagħha huwa iktar li t-tifel ma jqattax ħin ta' kwalità ma' missieru għaliex wara x-xogħol huwa daqqa jidħol *toilet*, daqqa jmur ipejjep u ħaġa u oħra. Hija tgħid ukoll li fis-Sajf meta beda jkun hemm is-*sleep overs* it-tifel kien qed jorqod man-nanniet u mhux mal-missier. It-tifel jgħidilha li filgħaxija missieru jitlaq u hu joqgħod jara film man-nanna. Tgħid li hemm problema meta jiġu wkoll biex jiftehmu dwar l-attivitajiet tat-tifel għaliex il-missier ossesjonat li dawn ikunu waqt il-ħin tal-aċċess tiegħu.

*Sabiex tikkorabora l-verżjoni tagħha, l-konvenuta tippreżenta x-xhieda s-segwenti:*

2. *<u>Affidavit ta' N D, ossia omm il-konvenuta preżentat permezz ta' nota fit-23 ta' Mejju 2022[28]</u>* li tikkorabora

[27] Seduta tal-21 ta' Frar 2024 a fol. 471 u Seduta tat-22 ta' Mejju 2024 a fol. 481.
[28] Fol. 320.

l-verżjoni ta' bintha u tibda biex tgħid li rat bidla drastika fit-tifel minn wara li fis-Sajf tas-sena 2021 inbidlu l-ħinijiet tal-aċċess b'mod radikali u fejn qabel it-tifel kellu rutina, issa beda jkaxkar saqajh u jitrateni biex imur għand missieru. It-tifel dejjem jgħid lil ommu biex toqgħod attenta x'tgħid il-Qorti għaliex jaqla *timeout* mingħand missieru jekk tikxfu. Tgħid li l-messaġġ li fil-*mid-term holidays* it-tifel kien sejjer *sleep over* ma' missieru kien wasal tramite t-tifel mingħand missieru.

Tgħid li fil-*mid-term holidays* ta' Novembru 2021, it-tifel, qabel is-*sleepover* qalilha li xtaq li missieru jiġrilu xi ħaġa biex ma jkollux imur għall-aċċess. Tgħid li meta bdiet tara din ir-rabja fit-tifel beda jiddispjaċiha tassew għaliex it-tifel ma kienx hekk u sar hekk minħabba l-inkapaċità ta' missieru li jirraġuna b'mod responsabbli. Tgħid li t-tifel jgħid li n-nanna paterna quddiemu mod u quddiem in-nies mod ieħor u meta jkun qed jaħseb tgħidlu "*jaqlagħha*" u li missieru dejjem iżomm man-nanna T. Jgħid li tgħidlu wkoll "*inti moħħok biex tmur m'ommok*" u ma tirreferix għaliha b'isimha miegħu. Tgħid li t-tifel jgħid li l-aċċess ta' nhar ta' Tnejn huwa żejjed. Tgħid ukoll li meta missieru kellu l-*partner*, kellu jorqod bejniethom u tgħid li fi kliem it-tifel "*raqad fuq iz-zejza ta' V*". Isemmi wkoll li l-ewwel kien hemm V ttih it-*timeouts* u issa hemm in-nanna T. Tispjega li lilha t-tifel juriha li jkun irrabjat meta jsemmi dawn l-affarijiet għaliex it-tonn tal-vuċi tinbidel u anke l-espressjonijiet ta' wiċċu, filwaqt li jagħmel ponn b'idejh.

Tgħid li minn naħa tagħha meta fis-6 ta' Diċembru 2020 ħadu l-Pulizija ħadu lil bintha erbgħa u għoxrin (24) siegħa fil-*lockup*, hi ġiet darha mal-ħajt u kellha tispjegalu x'ġara u għalxiex ommu ma kinitx ġejja d-

dar dakinhar. Tgħid li t-tifel infexx f'bikja u dakinhar ħadha bi kbira ħafna. Tgħid li qabad karta u pinġa żewġ persuni f'gaġġa, b'referenza għall-attur u missieru. Tgħid li wara dan l-episodju t-tifel beda jgħid li jrid isir pulizija biex jarresta lil missieru. Tgħid li missieru kien qallu li għamel ir-rapporti kontra ommu. Tgħid li J jippreferi ma jitkellimx ma' missieru fuq li jkun għaddej għaliex b'hekk biss jiffranka *punishment*.

Tispjega kif fl-24 ta' Diċembru 2021, bintha kienet ttestjat pożittiva għall-COVID u għalhekk il-familja kollha kienu kwarantina, inkluż it-tifel. L-għada, dakinhar tal-Milied, it-tifel kellu jmur ma' missieru u l-konvenuta kellha tibgħatlu saħansitra l-irċevuta tat-test. Wara dak kollu però l-għada f'Jum il-Milied, l-attur lanqas ċempel lit-tifel u kien biss fis-26 ta' Diċembru filgħodu li kellmu. Tgħid li t-tifel iħossu li missieru jidħaq bih. Dwar l-avukata li kellmitu qalilha li din ma tatx każ x'verament kien qed jgħid. Tgħid li missieru saħansitra staqsieh iħobbx lil ommu iktar minnu u li missieru jgħidlu li meta ma jkunx hemm hu, hu joqgħod waħdu. Tixhed[29] li t-tifel jilmenta li ma jkollux ħin kwiet ma' missieru u li dejjem bil-*partner* ta' missieru u l-familja madwaru. It-tifel lanqas ikun irid jieħu l-*homework* biex jagħmlu għand missieru.

In kontro-eżami[30] tispjega għalfejn il-konvenuta fi żmien il-pandemija kienet tibża' tibgħat lit-tifel għall-aċċess u dan propju għaliex hi u r-raġel ibatu minn kundizzjonijiet ta' saħħa. Hija tinsisti li ma jitkellmux kontra l-attur mat-tifel, għalkemm dakinhar qaltlu li kienu ħaduha l-pulizija iżda tgħid li ma semmietlu xejn fuq missieru u t-tifel wasal għall-konklużjoni

---

[29] Seduta tat-23 ta' Mejju 2022 a fol. 327.
[30] Seduta tad-9 ta' Lulju 2024.

waħdu. Tispjega li filgħodu peress li l-konvenuta tibda kmieni xogħol, il-*partner* tagħha jwassal lit-tifel għandha fit-8.15am u hi tieħdu l-iskola bil-mixi għaliex imur skola B'Kara stess. Wara l-iskola mbagħad missier il-konvenuta jiġbru u jiltaqa' mal-konvenuta u t-tifel imur magħha għaliex il-konvenuta tispiċċa xogħol fis-2pm.

3. *Xhieda ta' WE, HR Manager fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022*[31] li tixhed illi ġeneralment il-konvenuta taħdem ix-*shift* ta' bejn il-5am u s-1pm. Tgħid iżda li huma jkollhom bżonn nies f'diversi ħinijiet imma tkun tista' tbiddel il-ħinijiet hi. Tgħid li l-konvenuta hija *friendly* ħafna mal-kollegi. Tgħid li mal-klijenti hija tidħol fid-dettal u tipprova tifhem is-sitwazzjoni ta' dak li jkun. Tgħid li ilha imjegata magħhom minn Mejju 2021 u bdiet b'salarju ta' €1415.

Fid-dawl tal-fatt illi ġew intavolati għadd ta' rikorsi u kien hemm diversi rapporti u digrieti relevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha il-Qorti, hija sejra tgħaddi sabiex telenka tali digrieti u rapporti:

*Rikors tal-attur tal-4 ta' Marzu 2021*[32] fejn huwa jitlob lill-Qorti tordna li l-aċċess tiegħu għall-minuri J ikun kif ġej:

*"1) Waqt is-sena skolastika l-access ikun kull nhar ta' Tnejn u Erbgha mill-4.30pm fejn il- missier immur jigbor il-minuri mir-residenza ta' l-omm u l-omm tigi ghal minuri mir-residenza tal-missier fit-8pm. L-access ma jistax ikun qabel l-4.30pm ghax ir-rikorrenti ikun xoghol u ma jlahhaqx jigi qabel 1-4.30pm. In oltre jkun hemm sleepover fl-ewwel gimgha mill-Gimgha mis-6pm sas-Sibt sas-6pm u fit-tieni gimgha mis-Sibt mis-6pm sal-Hadd sas-6pm u dana b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha.*

[31] Fol. 296.
[32] Fol. 89.

*2) F'Jum il-Missier ir-rikorrenti jkollu access mid-9am sat-8pm u f'Jum l-Omm il-minuri jkun ma' l-omm u s-sleepover tal-weekend ta' Jum il-Missier u Jum l-Omm jsehhu dejjem mill-Gimgha mis-6pm sas-Sibt sas-6pm.*
*3) Fi festi pubblici, il-minuri iqatta' l-ewwel festa pubblika mal-missier mid-9am sat-8pm u t-tieni festa pubblika l-minuri jkun ma' l-omm u dana b'mod alterant minn festa pubblika ghall-ohra.*
*4) F'Jum l-Ghid, fl-ewwel sena il-minuri jkun mal-missier mid-9am sat-3pm u fit-tieni sena mit-3pm sad-9pm u dana b'mod alternat minn sena ghal sena. Il-kumplament tal-hinijiet ta' Jum l-Ghid, il-minuri jkun ma' l-Omm. Is-sleepover tal-weekend ta' Jum l-Ghid jsehh dejjem mill-Gimgha mis-6pm sas-Sibt sas-6pm.*
*5) Waqt il-vaganzi skolastici fejn il-minuri jkun iktar liberu, is-sleepover tal-weekend jibqa' l-istess, imma l-access tat-Tnejn u l-Erbgha jinbidlu ghal sleepovers ukoll, u cioe' l-access issehh mit-Tnejn mit-8pm sat-Tlieta sat-8pm u mill-Erbgha mit-8pm sal-Hamis sat-8pm."*

*Wara li l-Qorti permezz ta' digriet tad-19 ta' Marzu 2021[33] ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala avukat tat-tifal biex tirrelata mat-tifel u mal-partijiet dwar din il-kwistjoni, l-Avukat tat-tfal intavolat rapport quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 2021 –* iż-żewġ partijiet qablu li għandu jkun hemm tibdil fil-ġranet u l-ħinijiet tal-aċċess għaliex l-attur ma għadux jaħdem bix-*shift*.  Il-minuri wera x-xewqa li jqatta' iktar ħin ma' missieru. Hija rrakkomandat li dak mitlub mill-attur jintlaqa' bid-differenza biss illi fi żmien l-iskola l-aċċess ikun sas-7pm u mhux sat-8pm.

*Permezz ta' digriet tal-5 ta' April 2021[34], il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tal-Avukat tat-tfal.*

---

[33] Fol. 130.
[34] Fol. 136.

*Rikors tal-konvenuta tas-7 ta' Ottubru 2021*[35] li permezz tiegħu titlob lill-Qorti illi terġa' tvarja l-ħinijiet tal-aċċess fis-sens illi l-aċċess ikun kif ġej:

*"(a) kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-ħamsa ta' filgħaxija sas-sebgħa ta' filgħaxija (17:00 p.m. - 19:00 p.m.), fejn il-missier jiġbor lill-minorenni mir-residenza tal- istanti omm għall-aċċess, u jirritorna lill-minorenni fir-residenza tal-omm wara l-aċċess;*
*(b) sleepover ta' darba fil-ġimgħa bejn il-Ġimgħa u s-Sibt ta' ġimgħa waħda, u bejn is-Sibt u l-Ħadd tal-ġimgħa l-oħra mis-sitta (18:00pm) ta' filgħaxija tal-Ġimgħa jew is-Sibt, sas-sitta (18:00pm) ta' filgħaxija tas-Sibt jew il-Ħadd.*
*(c) F'Jum il-Missier l-isleepover ikun dejjem mis-Sibt għall-Ħadd;*
*(d) F'Jum l-Omm, l-isleepover għall-missier ikun dejjem mill-Ġimgħa għas-Sibt;*
*(e) Għall-isleepovers, il-missier għandu jieħu ħsieb illi jiġbor lill-minorenni mid-dar tal-omm u jirritornah lura għand l-omm fi tmiem l-aċċess.*

*18. B'żieda mal-premess:*
*(a)il-minorenni J iqatta' l-Festi Pubbliċi/Nazzjonali/Reliġjużi li jaqgħu fost il-ġimgħa waħda mal-omm u l-oħra mal-missier b'sistema alternata bejn l-10am u s-19:00pm;*
*(b) il-minorenni J iqatta' l-Milied bejn id-9:00am u t-15:00pm mal-Omm u mit-15:00 sad-21:00pm mal-Missier, filwaqt li fl-Ewwel tas-Sena mid-9:00-15:00 mal-Missier u fit- 15:00 il-minuri jkun ritornat għand l-omm b'sistema alternata; (c) fl-okkazzjoni t'għeluq snin il-minorenni, jekk dan jaħbat f'jum tal-iskola l-minuri jqatta' l-ħin ta' bejn il-ħamsa ta' filgħaxija u s-seba' ta' filgħaxija (17:00 p.m. - 19:00 p.m.) ma' missieru, meta dan jaħbat fil-weekend, l-aċċess normali tal- weekend japplika iżda dan ikun bejn l-erbgħa (16:00) u l-erbgħa (16:00);*

[35] Fol. 189.

*(d) Jekk festa (inkluż Milied, u l-Ewwel tas-Sena) taħbat f'weekend, l-aċċess tal- weekend japplika b'mod normali;*
*(e) F'għeluq snin l-Omm, il-missier ma jkollux aċċess;*
*(f) F'għeluq snin il-Missier, il-missier ikollu aċċess bejn il-17:00-19:00pm (jekk dan jaħbat fost il-ġimgħa, jekk tali ġurnata taħbat fil-weekend, l-aċċess normali tal-weekend ikun applikabbli;*
*(g) L-aċċess tul is-sajf ikun nhar it-Tnejn u l-Erbgħa bejn l-erbgħa (16:00pm) u t-tmienja (20:00pm) u mhux bi sleepover fost il-ġimgħa u dan billi r-rutina tat-tifel thawdet matul is-sajf li għadda biż-żieda fi sleepovers fost il-ġimgħa fejn il-minuri xorta waħda ma kienx qiegħed iqatta ħin ta' kwalità ma missieru, billi missieru kien qiegħed ikun xogħol;*
*(h) Jekk il-missier jinserta ikun off nhar ta' Tnejn u Nhar ta' Erbgħa l-aċċess ikun bejn l-għaxra ta filgħodu (10:00am) u t-tmienja (20:00pm) ta' filgħaxija u dan billi javza lill-esponenti omm minn tal-inqas erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel."*

*Wara li l-Qorti permezz ta' digriet tal-1 ta' Novembru 2021[36] reġgħet ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala avukat tat-tifal biex tirrelata mat-tifel u mal-partijiet dwar it-talbiet tal-attur, l-Avukat tat-tfal intavolat rapport quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2021[37] –* fejn hija tissuġġerixxi illi l-aċċess fis-Sajf jibqa' kif inhu fil-preżent, filwaqt li l-aċċess fi żmien l-iskola jkun kif ġej:

*"Fi zmien l-iskola -*
*1. Matul il-gimgha jkun hemm access kull nhar ta' Erbgha mill-4.30pm sas-7pm.*
*2. Biex jaghmel tajjeb ghas-saghtejn li ntilfu ta' nhar ta' Tnejn, l-access fil- weekend jizdied b'saghtejn b'dan illi jkun hemm sleepover wahda kull weekend b'mod alternat darba mill-Gimgha fil-5pm sas-Sibt fis-7pm, u darba mis-Sibt fil-5pm sal-Hadd fis-7pm.*

---
[36] Fol. 234.
[37] Fol. 235.

*3. F'Jum il-Missier l-isleepover ikun dejjem mis-Sibt għall-Ħadd.*
*4. F'Jum l-Omm l-isleepover mal-Missier tkun dejjem mill-Ġimgħa sas-Sibt.*
*5. Fil-Festi li jaqgħu fost il-ġimgħa, it-tifel ikun waħda mal-Omm u l-oħra mal-Missier b'sistema alternata bejn id-9am u s-7pm.*
*6. Fil-Milied il-minuri jqatta' bejn id-9am u t-3pm mal-Omm, u bejn it-3pm u d-9pm mal-Missier, filwaqt li fl-Ewwel tas-Sena l-minuri jqatta' mid-9am sat-3pm mal-Missier u fit-3pm jmur lura għand l-Omm. Dan għandu jsir b'sistema alternata minn sena għal oħra.*
*7. F'għeluq snin J, jekk dan jaħbat f'jum tal-iskola, il-Missier ikollu access għal J mill-4.30pm sas-7pm. Jekk jaħbat fil-weekend, J iqatta' mid-9am sas-2pm mal-Omm u mis-2pm sas-7pm mal-Missier. Jekk tinzerta ġurnata tal-isleepover, allura J jibqa' mal-Missier sal-għada bil-ħinijiet tas-soltu.*
*8. F'għeluq snin l-Omm, il-Missier ma jkollux access għal J. Jekk tinzerta fil- jum tal-isleepover għand il-Missier, allura l-isleepover issehh xorta imma fil- jum ta' qabel jew ta' wara.*
*9. F'għeluq snin il-Missier, jekk tinzerta ġurnata tal-iskola jkun hemm access għal J mill-4.30pm sas-7pm, jekk tinzerta weekend allura dak il-weekend l-isleepover issir fil-ġurnata tal-birthday.*
*Kemm għall-access matul il-ġimgħa kif ukoll għall-isleepovers, it-tifel għandu jingabar fil-bidu tal-access mill-Missier, u jingabar lura fl-aħħar tal-access mill-Omm."*

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Novembru 2021[38] il-Qorti tordna illi:

*"Tordna li l-access fis-Sajf jibqa' kif inhu, fil-preżent ta' żmien l-iskola, l-access matul il-ġimgħa ikun nhar ta' Erbgħa mill-4:30pm sas-7:00pm.*
*Biex jagħmel tajjeb għall-access ta' sagħtejn li ntilfu minn nhar ta' Tnejn, l-access fil-'weekend' jiżdied b'sagħtejn b'dan*

[38] Fol. 238.

*li ikun hemm 'sleepover' wahda kull 'weekend' b'mod alternat, darba mill-Gimgha fil-5:00pm sas-Sibt fis-7:00pm u darba mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.*
*F'Jum il-Missier l-'sleepover' tkun dejjem mis-Sibt sal-Hadd;*
*F'Jum l-Omm l-'sleepover' tkun dejjem mil-Gimgha sas-Sibt;*
*Fil-festi li jaqghu matul il-gimgha, l-minuri jqatta, wahda mal-omm u l-ohra mal-missier b'mod alternat bejn id-9:00am u s-7:00pm.*
*Fil-Milied il-minuri jqatta' bejn id-9:00am u t-3:00pm mal-omm u bejn it-3:00pm u d- 9:00pm mal-missier u fl-Ewwel tas-Sena il-minuri jqatta' mid-9:00am sat-3:00pm mal-missier u fit-3:00pm jmur lura ghand l-omm, dan b'mod alternat minn sena ghal sena.*
*F'gheluq snin il-minuri jekk ikun f'gurnata tal-iskola, il-missier ikollu access mill- 4:30pm sas-7:00pm. Jekk jahbat fil-weekend il-minuri jqatta' mid-9:00am sas-2:00pm mal-omm u mis-2:00pm sas-7:00pm mal-missier. Jekk ikun il-gurnata tkun meta jkun hemm sleepover il-minuri jibqa' mal-missier sal-ghada bil-hinijiet tas-soltu.*
*F'gheluq snin l-omm, il-missier ma jkollux access ghall-minuri. Jekk tinzerta fil-jum tal-sleepover ghand il-missier, l-isleepover isehh xorta imma fil-jum ta' qabel jew ta wara.*
*F'gheluq snin il-missier, jekk tinzerta matul l-iskola l-access ikun mill-4:30pm sas- 7:00pm. Jekk tkun fil-weekend, dak il-weekend l-isleepover issir dakinhar tal- birthday.*
*Kemm ghall-access matul il-gimgha kif ukoll ghal-isleepover it-tifel jingabar mill- missier u fl-ahhar tal-access tigbru l-omm.”*

<u>*Rikors tal-konvenut tal-1 ta’ Awwissu 2023*[39]</u> fejn huwa talab varjazzjoni oħra fl-aċċess kif ġej:

*“1) Tordna illi kull meta r-rikorrenti jkun OFF fost il-gimgha fix-xitwa huwa jara lil ibnu minn wara l-hin ta' l-iskola jew mid-9am jekk ma jkollux skola sas-7.30pm ta' filghaxija u fil-weekend ikollu sleepover mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta*

[39] Fol. 363.

*jkun OFF u cioe' bejn il- Gimgha u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Hadd. Izda jekk fil-weekend ma jkunx hemm zewgt granet fuq xulxin OFF, u jkun hemm gurnata wahda OFF, jarah gurnata shiha f'dik il-gurnata li jkun OFF u cioe' mid-9am sas-7.30pm ta' filghaxija.*

*2) Tornda illi kull meta r-rikorrenti jkun OFF fost il-gimgha fis-sajf huwa jara lil ibnu b'mod ta' sleepover mid-9am ta' l-ewwel gurnata OFF fost il-gimgha tieghu sas-7.30pm tat-tieni gurnata OFF tieghu u fil-weekend ikollu sleepover mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta jkun OFF u cioe' bejn il-Gimgha u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Hadd. Izda jekk fil-weekend ma jkunx hemm zewgt granet fuq xulxin OFF, u jkun hemm gurnata wahda OFF, jarah gurnata shiha f'dik il-gurnata li jkun OFF u cioe' mid-9am sas-7.30pm ta' filgħaxija.*

*3) Tordna illi kull meta t-tlett ijiem OFF jinzertaw fil-weekend u cioe' jibda mill-Gimgha u jispicca l-Hadd huwa jkollu sleepover shih tull it-tlett ijiem kollha liema sleepover jibda mis-6.30pm ta' l-ewwel gurnata OFF ossia l-Gimgha u jispicca fit-tielet gurnata OFF, ossia l-Hadd fis-6.30pm.*

*4) Tordna illi r-rikorrenti ikollu access ghal ibnu kull meta huwa jkun OFF fil-festi pubblici u dana mid-9am sas-7.30pm.*

*5) Tordna illi l-missier ghandhu jkollu l-minuri mit-3pm ta' Christmas Eve sat-3pm ta' Christmas Day u fit-tieni sena mit-3pm ta' Christmas Day sa 3pm ta' Boxing Day u dan b'mod alternat minn sena ghal sena.*

*6) Tordna illi l-missier ghandhu jkollu access fl-Ewwel Jum tas-Sena mit-3pm sat-2 ta' Jannar sat-3pm u fit-tieni sena mit-3pm ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena sat-3pm ta' l-Ewwel Jum tas- Sena u dan b'mod alternat minn sena ghal sena.*

*7) Tordna illi il-granet ta' l-Ghid, Father's Day, Father's Birthday, Mother's Day, Mother's Birthday u l-birthday tal-minuri jistghu jibqghu rregolati bid-digriet precedenti.*

*8) Tawtorizza lir-rikorrenti idahhal nota sabiex jinforma lil Qorti jekk l-intimata cahhdet il-minuri minn mal-missier fil-granet OFF tieghu sakemm johrog id-digriet finali ghal dana r-rikors.*

*9) Tordna kumpens ghan-nuqqas ta' access illi jsofri r-rikorrenti wara l-14 ta' Awwissu 2023 minhabba li l-intimata tirrifjuta thalli l-minuri jara lir-rikorrenti fil-granet OFF tar-rikorrenti.*

*Wara li l-Qorti permezz ta' digriet tas-16 ta' Awwissu 2023*[40] *ħatret lil Dr Sandra Sladden bħala avukat tat-tifal biex tirrelata mat-tifel u mal-partijiet dwar it-talbiet tal-attur, l-Avukat tat-tfal intavolat rapport quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Settembru 2023*[41] *–* fejn hija tirrakkomanda aċċess għall-missier kif ġej:

> *"1. L-ewwel talba - Fix-xitwa waqt is-sena skolastika, l-access isseh kull meta ir-rikorrenti jkun OFF fost il-gimgha minn wara l-hin ta' l-iskola jew mid-9am jekk ma jkollux skola sas-7pm u fil-weekend ikollu sleepover mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta jkun OFF u cioe bejn il-Gimgha u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Hadd. Izda jekk fil- weekend ma jkunx hemm zewgt granet fuq xulxin OFF u jkun hemm gurnata wahda OFF, l-access isehh fil-gurnata OFF mid-9am sas-7pm.*
> *2. It-tieni talba: Fis-sajf u cioe mhux fis-sena skolastika, kull meta ir-rikorrenti jkun OFF matul il-gimgha, l-access isehh minn wara s-summer school ta' l-ewwel gurnata OFF jew mid-9am jekk ma jkollux summer school sas-7pm tat-tieni gurnata OFF bl-obbligu tar-rikorrenti illi jiehdu s-summer school u jigbru fit-tieni gurnata OFF jekk il-minuri jkollu summer school, u fil-weekend ikollu sleepover mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta jkun OFF u cioe bejn il-Gimgha u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Hadd. Izda jekk fil-weekend ma jkunx hemm zewgt granet fuq xulxin OFF u jkun hemm gurnata wahda OFF, l-access isehh fil-gurnata OFF mid-9am sas-7pm.*

[40] Fol. 416.
[41] Fol. 418.

*3. It-tielet talba: Meta t-tlett ijiem OFF jinzertaw fil-weekend u cioe mill-Gimgha sal-Hadd, l-acess jibda mill-Gimgha fis-6.30pm sal-Hadd fl-4pm.*

*4. Ir-raba' talba: Din ghandha tigi michuda u għalhekk fil-festi pubblici l-access ghandu jkun alternat minn festa ghal ohra u minn sena ghal sena u meta jmiss lir-rikorrenti dan isehh mid-9am sas-7pm.*

*5. Il-Hames Talba: Ir-rikorrenti jkollu access ghall-minuri minn Christmas Eve fit-3pm sa Christmas Day fit-3pm u fit-tieni sena minn Christmas day fit-3pm sa Boxing Day fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena ghal sena u l-access isehh b'din l-modalita biss jekk ir-rikorrenti jinzerta OFF jew jekk jiehu l-Leave.*

*6. Is-Sitt Talba: Ir-rikorrenti jkollu access ghall-minuri minn l-Ewwel Jum tas-Sena fit- 3pm sat-2 ta' Jnar fit-3pm u fit-tieni sena minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena fit-3pm sa 1-Ewwel Jum tas-Sena fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena ghal sena u l-access isehh b'din l-modalita biss jekk ir-rikorrenti jinzerta OFF jew jekk jiehu l-Leave.*

7. *Is-sebgha talba: Ghandha tigi milqugha.*
8. *It-Tmien talba: Ghandha tigi michuda*
9. *Id-disgha Talba: Ghandha tigi michuda.*
10. *Is-sottoskritta tirrakomanda illi l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi fil-hin tal-access, ir-rikorrenti jkun obbligat jiehu (u jigbor) lill-minuri ghall-attivitajiet extra-kurrikulari kollha inkluz muzew u privat kif ukoll jiehu (u jigbor) lill-minuri ghal attivitajiet ohra, bhal birthday parties u attivitajiet tan-Ninjitsu li l-minuri jista jkollu.”*

<u>*Permezz ta’ digriet tas-26 ta’ Settembru 2023*</u>[42] il-Qorti tordna li l-aċċess iseħħ kif rakkomandat mill-avukat tat-tfal.

### 3. Prinċipji Legali Saljenti u l-Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern

[42] Fol. 421.

Il-partijiet iżżewġu fid-9 ta' Ġunju 2013 u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, J, li twieled fis-16 ta' Marzu 2014, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, preżentat fl-atti. Il-partijiet sseparaw sentejn wara, meta ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Sean Critien fl-20 ta' Lulju 2016.

Permezz ta' dan il-kuntratt huma ftehmu *inter alia* fil Klawżola ħamsa (5) illi:

*"5.(i) Il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ser tkun fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt, b'dana ill decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni straordinarja ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien, filwaqt li decizjonijiet golnarjeri ghandhom jittiehdu mill-parti li maghha jkun il-minuri.*

*(ii) Il-partijiet in oltre qed jaqblu illi l-minuri ser jabita mal-komparenti Mara, filwaqt li r-Ragel ser ikollu access ghall-istess skont is-segwenti:*

*<u>Sakemm il-minuri jkun ghadu jattendi c-Child Centre</u>*

*Fix-Xitwa, fost il-Gimgha, kull meta l-Missier ikun off duty, minn wara c-child centre jew tmiem l-iskola sal-hamsa ta' wara nofsinhar (5PM)*

*.Il-partijiet in oltre, qed jaqblu illi fix-xhur tas-Sajf l-access jigi estiz sas-sitta ta' filgħaxija (6 PM) Meta l-missier ikun xoghol is-Sibt jew il-Hadd, l-access tieghu ikun fil-gurnata li ma jkunx xoghol, mill-ghaxra ta' filghodu sal-erbgha ta' wara nofsinhar (10am - 4pm).*

*<u>Meta l-Minuri jibda jattendi l-Iskola</u>*

*Fix-xhur Skolastici*

*1.Fost il-gimgha, kull meta l-Missier ikun off duty, minn wara l- iskola sa mhux aktar tard mill-hamsa ts' fil-ghaxija (5PM).*

*2.Fi tmiem il-gimgha, meta l-missier ikun off duty ghall-weekend kollu, l-access jigi ezercitat mill-ghaxra ta' fil-ghodu (10 AM) sa l-erbgha ta' wara nofsinhar (4PM) tal-gurnata tas-Sibt u l-istess hinijiet japplikaw ghall-gurnata tal-Hadd;*

*Fix-Xhur ta wara l-iskola*
*Fost il-gimgha u matul il-weekend, kull meta l-Missier ikun off duty I- access jigi estiz sas-sitta ta' fil-ghaxija (6 PM)*

*Meta l-minuri jaghlaq hames nins (5) il-minuri jibda jaghmel sleep over mis-Sibt ghall-hadd mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4 PM) sa l-ghada fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4 PM). B'dana illi l-missier ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-omm fil-bidu tal-access u jerga' jwaslu lura ghand l-omm fi tmiem l-access.*

*iii) In oltre, il-partijiet qed jaqblu wkoll li l-minuri ghandu ġurnata u cioe' mill-ghaxra ta' fil-ghodu (10 AM) sa l-erbgha ta' wara nofsinhar (4 PM) mal-komparenti omm fil-gurnata ta' Jum l-Omm, u mal-komparenti missier fil-gurnata ta' Jum il-Missier.*

*iv) Il-partijiet qeghdin presenzjalment jaqblu wkoll illi fil-gurnata ta' gheluq snin il-minuri, huma għandu jkollhom access ghal binhom ghal hin kemm jista' jkun ugwali bi ftehim bejniethom.*

*vi) Il-komparenti missier qed jintrabat u jobbliga ruhu li jhallas lill-omm manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mitejn ewro (€200) kull xahar, liema manteniment għandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja (Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-partijiet qed jaqblu illi tali manteniment ikopri l-bzonnijiet ta' kuljum tal-minuri, ghajr ghal nofs l-ispejjez kollha ta' sahha, edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari wahda kif ser jigi deskritt iktar 'l isfel.*

*vii) Il-komparenti partijiet qeghdin jaqblu wkoll illi l-ispejjez ta' sahha tal-minuri li jinkludu dentist, nuccalijiet u kirurgiji, u dawk t'edukazzjoni li jinkludu l-uniformijiet, trasport, privatijiet, kotba, stationery tal-bidu tas-sena, Ezamijiet tal-O'Level u A'Levels, kif ukoll attivita' extra-kurrikulari wahda, liema attivita' extra-kurrikulari ssir b'konsultazzjoni u wara qbil bil-miktub. Tali spejjez jinqasmu nofs bin- nofs bejniethom, u dana billi parti thallas lill-parti l-ohra li tkun inkorriet l-ispiza, l-ammont minnha dovut, fi zmien gimaghtejn minh meta l-istess parti tkun ipprezentat kopja tal-ircevuti relattivi. In oltre, ghar-rigward tal-htiega li l-minuri jkollu bzonn sptar il-partijiet jiddikjaraw li fejn huwa possibbli li jintuza l-isptar tal-istat, huma ser jipprevalu ruhhom minn tali dritt. F'kaz li xi hadd mill-partijiet jaghmel uzu minn sptar privat minghajr ma jkun ikkonsulta mal-parti l-ohra, dik il-parti li tkun ghamlet uzu mis-servizzi ta' sptar privat ghandha tinkorri l-ispejjez wahediha ghall-hlasijiet tas-servizzi tal-isptar privat."*

Jidher, madanakollu, li l-partijiet, għalkemm it-tnejn iħobbu lil binhom, ma rnexxilhomx jgħelbu d-differenzi ta' bejniethom biex, b'maturità, issa li r-relazzjoni ta' bejniethom ma rnexxietx, jikkomunikaw fuq il-bżonnijiet tat-tifel. Għalhekk minflok ma raw kif għamlu u adattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi li fil-ħajja l-ħin kollu jinbidlu, intilfu f'attakki bejniethom li minnhom it-tellief żgur li kien biss binhom.

Għalkemm l-attur jgħid li kellu jiftaħ din il-kawża għaliex it-tifel issa kiber u għalhekk dak mifthiem meta kellu sentejn (2) mhux adattat għal tifel ta' sitt (6) snin, il-Qorti tirreleva illi l-kuntratt ta' separazzjoni jipprovdi għal meta t-tifel ikun jattendi nursery u klawżoli oħra għal meta jibda l-iskola. Huwa l-kors naturali tal-ħajja li t-tfal jikbru u kien għalhekk li l-partijiet provdew anke għal meta t-tifel jikber.

Hawn issir referenza għall-prinċipju nkorporat fil-liġi tagħna rigward kuntratti magħmula skont il-liġi, permezz tal-Artikolu 992 tal-Kap 16, u *ċioé* proprju dak tal-*pacta sunt servanda*:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Għalkemm it-talba għall-varjazzjoni saret mill-missier, il-konvenuta ma hix qed toġġezzjona li jintmess il-kuntratt *per se*, iżda tgħid li dan it-tibdil għandu jkun fl-aħjar interessi tat-tifel u mhux biex wieħed jakkomoda lill-missier. Fil-fatt ukoll klawżola 5(xix) tal-kuntratt tipprovdi li f'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq il-klawżoli li jirrigwardaw lit-tifel, il-partijiet jaqblu illi jirreferu għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal deċiżjoni finali. Għaldaqstant il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* hawn ma japplikax.

Għandu jiġi ċċarat ukoll illi dan il-prinċipju, li huwa l-prinċipju bażilari li jirregola l-kuntratti, ma jiġix osservat mill-Qorti b'tali mod riġidu anke jekk dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal. Dan fis-sens illi l-Qorti tagħraf illi f'ċirkostanzi fejn l-affarijiet jinbidlu b'tali mod illi jekk ser jibqa' jiġi osservat il-kuntratt dan ser ikun ta' detriment għat-tfal, mela hemm ma tistax tagħlaq għajnejha u tapplika b'mod riġidu dan il-prinċipju. Fil-fatt jingħad fil-każ fl-ismijiet **AB vs CD**[43]**:**

*"Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ li jolqtu biss lil mizzewġin, u ċjoe' inter alia, l-manteniment, is-suċċessjoni, il-molestar, il-kapaċita' legali, il-kunjom, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, appena dawn il-kwistjonijiet jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom dawn*

[43] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 23/15AL).

*għandhom jiġu meqjusa finalizzati definittivament, mingħajr il-lok li wieħed jista' jerġa' jittenta jidħol fil-mertu tagħhom quddiem il-Qorti, salv jekk jkun hemm xi qbil bejn il-partijiet nfushom. Min-naħa l-oħra u fit-tieni lok, dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda li jolqtu ulied il-mizzewġin, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni.*

*Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa o meno, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego."*

Irrispettivament ta' x'ġie mifthiem u maqbul mill-partijiet f'kuntratt rigward il-minuri, bis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna li tista' f'kwalunkwe ħin tbiddel dak pattwit fejn iċ-ċirkostanzi hekk jirrikjedu, u dan fl-aqwa interess tal-minuri. Huwa kruċjali illi kwistjonijiet relatati mal-minuri, ma jistgħu qatt jitqiesu definittivi, għaliex jista' jkun hemm lok għal tibdil ta' ċertu klawsoli u/jew deċiżjonijiet minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti għalhekk tara li hija għandha s-setgħa f'dan il-każ tmur lil hinn mill-kuntratt ta' separazzjoni u tiddeċiedi jekk hux fl-aħjar interess tal-minuri li jiġi varjat il-kuntratt. Madanakollu, qabel ma tidħol fil-mertu ta' varjazzjoni tal-kuntratt, il-Qorti qed tagħmilha ċara mal-partijiet illi minkejja li hi tista' tgħin billi tiddeċiedi hi fejn il-partijiet ma jaslux bejniethom, huwa immatur u irresponsabbli illi għal kwalunkwe raġuni l-partijiet iddeċidew li ma jitkellmux bejniethom meta hemm it-trobbija ta' binhom fin-nofs. La hu prattiku, la hu matur, la hu ta' ġid għat-tifel u lanqas ta' ġid għall-partijiet stess, illi kull darba li ser ikun hemm bdil f'xi ċirkostanzi l-partijiet ser joqgħodu jargumentaw bejniethom minflok ma jaċċettaw id-differenzi ta' bejniethom u jaslu għal kompromess li jkun fl-aħjar interess ta' binhom biss.

Il-Qorti fil-fatt f'dawn il-każi tiddeċiedi fl-aħjar interessi tal-minuri. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fl-Artikolu 3, tgħid:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration.*"

Jirriżulta għalhekk illi *the best interests of the child* għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja. Dan ma jfissirx illi l-Qorti ma għandhiex tqis konsiderazzjonijiet oħra; infatti l-Konvenzjoni tuża '***a*** *primary consideration'* - jiġifieri jista' jkun hemm fatturi oħra - madanakollu l-Qorti trid tara li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jkunux qed jitpoġġew qabel l-interessi tat-tfal a detriment tagħhom. Infatti tgħid il-Qorti Ewropeja fil-każ **Sahin vs Germany [GC],**[44] li *the child's best interests may, depending on their nature and seriousness, override those of the parents.*

[44] No. 30943/96, § 66, ECHR 2003-VIII.

Huwa f'dan l-isfond li l-Qorti trid tiddeċiedi dwar il-varjazzjonijiet mitluba. Il-Qorti tħoss li l-immaturità u l-pika spikkaw f'din il-kawża. Għalkemm iż-żewġ naħat jidher li aġixxew b'mod illi ma jħallix triq għal ftehim, madanakollu l-Qorti trid tagħmilha ċara illi attitudni ta' pika fil-ħinijiet ta' l-aċċess hija inaċċettabbli. Il-Qorti tħoss li l-attur, minn dak li rriżulta mill-provi, irid lura kull minuta "mitlufa" mill-aċċess anke jekk dan ikun "intilef" minħabba mard jew attivitajiet tat-tifel. Il-Qorti tagħmel partikularment referenza għal inċident li tixhed dwaru l-konvenuta[45] meta ħadet lit-tifel *party* tat-tfal wara li kien jitlef għadd ta' *parties* għaliex kienu jinzertaw fil-ħin tal-aċċess tal-missier. Minħabba li l-*party* kien ser ikun nofsiegħa *overlapping sleepover* tat-tifel mal-attur, huwa qalilha li ladarba ħa jitlef dik in-nofsiegħa jrid jirkupraha lura l-għada. Jidher ukoll mill-messaġġi preżentati mill-konvenuta li l-attur qajjem kwistjoni għaliex f'17.40 (il-*party* kellu jispiċċa f'17.30) kienu għadhom qed jaqsmu l-kejk u l-attur jirrispondi "*Iz-zajr mhux veru ed jihu l-cake ax rajtu ġewwa C. Aqbad u ohorgu pls iteliflux hin iktar mijaj.*"[46] L-attur irid jifhem darba għal dejjem illi l-aċċess m'huwiex xi dritt assolut u r-relazzjoni tiegħu ma' ibnu tinvolvi mhux biss ħin indaqs daqs l-omm iżda involviment tiegħu f'ħajZ ibnu. Il-Qorti tispjega għalhekk illi jekk it-tifel għandu *party*, involviment matur tal-missier m'huwiex li jara kif ser jirbaħ dik in-nofsiegħa li fiha t-tifel mar il-*party.* Il-*party* huwa okkażjoni importanti wkoll fil-ħajja tat-tifel u għalhekk il-missier għandu jinvolvi ruħu biex jiġbru mill-*party* u jara kif mar ecc. B'dan il-Qorti qed tagħti eżempju għaliex bħall-*party*, il-minuri ser ikollu okkażjonijiet oħra li ser jaħbtu mal-aċċess. L-attitudni li dawn l-affarijiet ser ikunu qed inaqsulu mid-dritt tal-aċċess trid tieqaf u dan fl-aħjar interessi ta' ibnu. Jekk il-minuri ma jiflaħx u kien ma' l-omm, l-omm żgur ma kienx gost u pjaċir tagħha li t-tifel qiegħed jistrieħ u tarah marid, iżda bħala omm għandha obbligu li f'dak il-ħin tikkurah u tiproteġih. Huwa verament infantili illi wieħed

---

[45] Seduta tat-30 ta' Mejju 2023 a fol. 356.
[46] Fol. 347.

jitlob li dan il-ħin jiġi mirbuħ b'ħin ieħor.  B'dan il-Qorti assolutament ma hix tfisser illi l-parti l-oħra għandha b'xi mod tieħu okkażjoni u tivvinta okkażjonijiet għat-tifel li jtellfu lill-missier minn ħin ma' ibnu.  Huwa għalhekk li l-Qorti tgħid li jridu jkunu l-ġenituri li jkunu maturi biżżejjed biex jevalwaw is-sitwazzjoni u jagħmlu biss dak li hu fl-interess tat-tifel **<u>lil hinn mill-piki ta' bejniethom.</u>** Bħal dawn l-okkażjonijiet ser ikun hemm ħafna sakemm it-tifel jilħaq l-età maġġorenni u ma jistgħux il-partijiet jintavolaw rikors għal kull waħda minn dawn l-okkażjonijiet, għalhekk huma biss iridu jkunu li jaġixxu b'mod matur ma' binhom.  Fuq kollox, jirriżulta minn dak li anke kkonfermat omm l-attur stess, illi waqt l-*isleep overs* tat-tifel ħafna drabi matul il-ġimgħa l-attur stess ma jorqodx għand ommu mat-tifel iżda jmur jorqod mal-*partner.* Donnu l-importanti li rnexxielu jieħu dak li jrid u mbagħad jagħmel li jrid mod ieħor kif ifettillu.

Il-Qorti tqis illi huwa ġeneralment fl-aħjar interess tal-minuri illi tiġi preservata r-relazzjoni tagħhom maż-żewġ ġenituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

*"(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*

*(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.*

*(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri."*

Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri, il-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri, u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi ġie rilevat mill-Qrati illi:

"*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…**Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli**.*"[47]

Illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħħda minnhom jekk mhux abbażi ta' rakkomandazzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**[48] ingħad is-segwenti:

*"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt ghall-access huwa wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-genituri, liema dritt jemanixxi mis-setgha ta' genitur. Ghaldaqstant id-dritt ghall-access ghandu jitgawda mill-genitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tigi assenjata lil wiehed mill-genituri. L-unika eccezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' access huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minhabba fattispecji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess*

[47] Vide deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.

[48] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament preseduta, nhar is-27 t'Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru. 202/2014).

*suprem tal-minuri li jinzamm tali access. Il-Qorti tiribadixxi illi ma ghandha l-ebda interess li tisfratta l-possibilita' li genitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm ragunijiet validi u legittimi, u dan f'gieh l-interess suprem tal-minuri."*

F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti temmen li l-attur qed jaġixxi b'mod immatur, madanakollu ma għandiex dubju li huwa jixtieq l-aħjar għal ibnu għalkemm mhux dejjem għaraf kif jaġixxi fl-aħjar interessi tiegħu. L-avukati tat-tfal ukoll konsistentement jinsistu illi l-minuri jrid iktar ħin ma' missieru jekk dan ma jtelfux l-attivitajiet tiegħu. Il-konvenuta omm ukoll ma tidhirx li qed toġġezzjona għal dan jekk minħabba l-aċċess ma jtelliflux l-attivitajiet tiegħu u diment li jkun qiegħed hemm waqt il-ħin tal-aċċess.

Il-Qorti temmen bis-sħiħ fl-istabbilità tal-minuri u ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tvarja l-kura u kustodja tal-minuri u temmen li din għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet bil-minuri jirrisjedi mal-konvenuta omm. Dak mintqal, ma hux ideali illi l-partijiet ikollhom kura u kustodja konġunta meta ma jkunux jitkellmu bejniethom; madanakollu f'dan il-każ partikolari l-Qorti tħoss li jekk il-kura u kustodja tkun fdata f'idejn wieħed mill-partijiet biss, jinqalgħu iktar kwistjonijiet bejn il-partijiet. Il-partijiet għandhom jieħdu flimkien deċiżjonijiet ta' natura straordinarja u deċiżjonijiet dwar attivitajiet tat-tifel, filwaqt li kull parti jkollha l-awtorità tieħu dawk id-deċiżjonijiet ordinarji fit-trobbija tal-minuri fil-ħin li jkun ma' dik il-parti. Il-Qorti tinsisti illi l-partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar dawk id-deċiżjonijiet li jkunu ħadu waqt il-ħin tal-aċċess li jkun importanti li tkun taf il-parti l-oħra per eżempju jekk it-tifel jingħata xi mediċina waqt li qiegħed fil-kura tagħhom *etc*. biex b'hekk ikun hemm kontinwità u iktar stabbilità f'ħajZ tt-tifel u dan taħt sanzjoni ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha.

Tieħu liem deċiżjoni tieħu l-Qorti, l-andament tal-kwistjoni tiddependi biss mill-partijiet u jekk huma humiex ser iwaqqfu

darba għal dejjem il-piki ta' bejniethom f'dak li għandu x'jaqsam mat-tifel. Fil-fatt dwar l-ewwel talba tal-attur il-Qorti temmen illi l-partijiet altru li għandhom bżonn jattendu *co-parenting course* bil-għan waħdieni illi jitgħallmu jirrelataw fuq il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tifel u kif għandhom jaslu għal ftehim fuq l-affarijiet ta' kuljum, lil hinn mill-Qorti u mid-difensuri tagħhom li jidher li qed ikollhom jiġu involuti f'kull kwistjoni ta' kuljum li tinqala' bejn il-partijiet. Il-Qorti tfakkar illi l-ebda parti ma hi ser tirbaħ jekk parti tirbah battalja 'l hawn u 'l hemm u tħossha tajba għax rebħet tali battalja - għal kuntrarju ser ibati biss **it-tifel li kull ma jrid li l-ġenituri tiegħu jieqfu jikkompetu bejniethom għall-attenzjoni tiegħu u minflok jagħtu lilu l-attenzjoni meħtieġa. Il-partijiet għandhom jagħmlu l-arranġjamenti biex jattendu *co-parenting course* fi żmien sena minn din is-sentenza taħt sanzjoni ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha.**

Lil hinn minn dak li ntqal fl-annullament, il-Qorti ma hix ser tidħol fil-mertu tat-tort tat-tkissir taż-żwieġ għaliex dan huwa għal kollox irrelevanti f'dan l-istadju. F'dan l-istadju il-Qorti ma tħossx li għandha tordna lil xi parti jew oħra tattendi xi kors ieħor partikolari, iżda tħalliha f'idejn il-partijiet biex jirċievu l-għajnuna neċessarja jekk iħossu li għandhom bżonn għajnuna fit-trobbija tal-minuri.

*Stante* li l-missier jaħdem bix-*shift 3 days in 3 days out* l-aċċess ma jistax ikun fi ġranet fissi. Għalkemm il-Qorti ma tarax li dan huwa ideali, madanakollu tagħraf illi ċ-ċirkostanzi wara separazzjoni mhux dejjem jippermettu dak li hu l-ideali u wieħed irid jadatta għall-każ b'mod li joħloq l-inqas disturbi fil-ħajja tat-tifel. Jidher illi dak propost mill-Avukat tat-Tfal fis-26 ta' Settembru 2023 qiegħed jaħdem f'dawn iċ-ċirkostanzi u fil-fatt ma ntqalx mod ieħor fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta. L-alternattivi kif proposti fid-digrieti preċedenti issa li l-missier jaħdem bix-*shift* ikunu qed joħolqu sitwazzjoni fejn l-aċċess ikun żbilanċjat għaliex kif tgħid l-

Avukat tat-Tfal "*Hemm ċertu ġimghat fix-xitwa, u cioe gimgha 1,2 u 6, fejn il-minuri jara lill-missieri ghal tlett sieghat biss fil-gimgha*"[49]

Għalhekk il-Qorti tordna illi l-aċċess isir kif ġej:

> Fix-xitwa waqt is-sena skolastika, l-aċċess iseħħ kull meta l-attur ikun OFF fost il-ġimgħa minn wara l-ħin ta' l-iskola jew mid-9am; jekk ma jkollux skola sas-7pm u fil-*weekend* ikollu *sleepover* mis-6.30pm sas-6.30pm tal-għada, kull meta jkun OFF u *ċioé* bejn il-Ġimgħa u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Ħadd. Iżda jekk fil-*weekend* ma jkunx hemm żewġt ġranet fuq xulxin OFF u jkun hemm ġurnata waħda OFF, l-aċċess iseħħ fil-ġurnata OFF mid-9am sas-7pm.
>
> Fis-sajf u *ċioé* mhux fis-sena skolastika, kull meta l-attur ikun OFF matul il-ġimgħa, l-aċċess iseħħ minn wara s-*summer school* ta' l-ewwel gurnata OFF jew mid-9am jekk ma jkollux *summer schoo*l sas-7pm tat-tieni ġurnata OFF bl-obbligu tal-attur illi jieħdu s-*summer school* u jiġbru fit-tieni ġurnata OFF jekk il-minuri jkollu *summer school*, u fil-*weekend* ikollu *sleepover* mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta jkun OFF u *ċioé* bejn il-Ġimgħa u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Ħadd. Iżda jekk fil-*weekend* ma jkunx hemm żewġt ġranet fuq xulxin OFF u jkun hemm ġurnata waħda OFF, l-aċċess iseħħ fil-ġurnata OFF mid-9am sas-7pm.
>
> Meta t-tlett ijiem OFF jinzertaw fil-*weekend* u *ċioé* mill-Ġimgħa sal-Ħadd, l-aċċess jibda mill-Ġimgha fis-6.30pm sal-Ħadd fl-4pm.
>
> Fil-festi pubbliċi biss li jaqgħu fost il-ġimgħa l-aċċess għandu jkun alternat minn festa għal oħra u minn sena għal sena u meta jmiss lill-attur dan iseħħ mid-9am

---

[49] Fol. 419.

sas-7pm. Festi pubbliċi li jaqgħu fil-*weekend* ma' jaffetwawx il-ħinijiet ta' aċċess regolari.

L-attur ikollu aċċess għall-minuri minn lejliet il-Milied fit-3pm sa Jum il-Milied fit-3pm u fit-tieni sena minn Jum il-Milied fit-3pm sa Boxing Day fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena, u l-aċċess iseħħ b'din l-modalità biss jekk l-attur jinzerta OFF jew jekk jieħu l-Leave.

L-attur ikollu aċċess għall-minuri minn l-Ewwel Jum tas-Sena fit-3pm sat-2 ta' Jnar fit-3pm u fit-tieni sena minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena fit-3pm sa l-Ewwel Jum tas-Sena fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena u l-aċċess iseħħ b'din l-modalità biss jekk l-attur jinzerta OFF jew jekk jieħu l-Leave.

Il-ġranet ta' l-Għid, Father's Day, Għeluq snin il-missier, Mother's Day, Għeluq snin l-omm u Għeluq snin il-minuri jiġu regolati kif ġej: F'Jum il-Missier l-*sleepover* tkun dejjem mis-Sibt sal-Ħadd jekk il-missier ikun OFF; F'Jum l-Omm l-*sleepover* tkun dejjem mil-Ġimgħa sas-Sibt u f'għeluq snin l-omm, il-missier ma jkollux aċċess għall-minuri anke jekk ikun imissu skont dak deċiż hawn fuq. Jekk tinzerta fil-jum tal-*sleepover* għand il-missier, l-*isleepover* iseħħ xorta imma fil-jum ta' qabel jew ta' wara; u f'għeluq snin il-missier, jekk tinzerta matul l-iskola l-aċċess ikun mill-4:30pm sas-7:00pm u jekk tkun fil-*weekend*, dak il-*weekend* l- *isleepover* issir dakinhar tal-*birthday*; u F'Jum l-Għid, fl-ewwel sena il-minuri jkun mal-missier mid-9am sat-3pm u fit-tieni sena mit-3pm sad-9pm u dana b'mod alternat minn sena għal sena. Is-*sleepover* tal-*weekend* ta' Jum l-Għid jseħħ dejjem mill-Ġimgħa mis-6pm sas-Sibt sas-6pm. F'għeluq snin il-minuri jekk ikun f'ġurnata tal-iskola, il-missier ikollu access mill-4:30pm sas-7:00pm. Jekk jaħbat fil-*weekend* il-minuri jqatta' mid-9:00am

sas-2:00pm mal-omm u mis-2:00pm sas-7:00pm mal-missier. Jekk ikun il-ġurnata tkun meta jkun hemm *sleepover* il-minuri jibqa' mal-missier sal-għada bil-ħinijiet tas-soltu.

L-ebda attività tat-tifel ma għandha tintilef sempliċiment minħabba li taħbat mal-ħinijiet tal-aċċess u l-missier għandu jwassal lill-minuri għal **kull attivita extrakurrikulari** li tinzerta waqt il-ħin tal-aċċess u li jkun jattendi t-tifel, flimkien ma' kull attività oħra li jkunu ftehmu l-partijiet bejniethom li għandu jattendi t-tifel.

Peress li l-aċċess ma hux regolari, r-roster tas-sena għandha tingħata lill-konvenuta kif toħroġ u qabel ma tibda s-sena l-ġdida biex b'hekk il-konvenuta tkun tista' tippJa u l-istabbilità tat-tifel tiġi kemm jista' jkun imħarsa.

Il-Qorti ma taqbilx mal-attur illi aċċess mitluf minħabba l-mard għandu jiġi irkuprat.  Il-Qorti twissi lil omm biex ma tabbużax minn dan għaliex naturalment il-konsegwenzi huma ta' natura penali.

L-attur missier għandu jiġbor lill-minuri hu mir-residenza tal-omm u wara l-aċċess jirritornah lura hu, jew jekk ma jkunx jista' xi ħadd mill-familjari tiegħu, fir-residenza tal-omm.

Għalkemm in-nanniet ma humiex parti mill-kawża u l-Qorti ma tistax tordna xejn fil-konfront tagħhom, il-partijiet għandhom jaraw li filwaqt li inevitabbilment in-nanniet ser ikunu involuti fil-ħajja ta' binhom, dawn ma għandhom qatt jieħdu l-ħin minn tal-ġenituri u ma għandhomx ikunu huma li jsaħħnu lit-tifel kontra l-parti l-oħra.  Il-Qorti tinnota illi fil-kwistjoni tal-inkarċerament tal-omm, in-nanna materna ma aġixxietx bl-aħjar mod, meta jirriżulta li spjegat eżatt lit-tifel dak li kien ġara.  Għalkemm kienet sitwazzjoni delikata u wieħed jifhem li anke n-nanna materna jista' jkun li aġixxiet f'paniku, dawk l-individwi li għandhom fil-preżenza tagħhom

lit-tifel għandhom ikunu b'seba' għajnejn li ma jħallux ir-rabja u l-emozzjonijiet tagħhom jiġru bihom meta t-tifel jinsab preżenti.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri J għandha tibqa' waħda konġunta skont kif diġà tistipola Klawżola 5(i) tal-Kuntratt, b'dan illi tiġi emendata l-bqija tal-klawżola sabiex il-partijiet jattendu *co-parenting course* kif ordnat f'din is-sentenza. *Oltre* minn hekk jiġi nkluż illi l-partijiet għandhom jieħdu flimkien deċiżjonijiet ta' natura straordinarja u deċiżjonijiet dwar attivitajiet tat-tifel, filwaqt li kull parti jkollha l-awtorità tieħu dawk id-deċiżjonijiet ordinarji fit-trobbija tal-minuri fil-ħin li jkun ma' dik il-parti.

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi fis-sens illi r-residenza primarja tat-tifel tibqa' mal-omm u Klawżoli 5 (ii), (iii) u (iv) għandhom jiġu emendati kif ġej fis-sens illi l-aċċess tal-missier isir kif ġej:

   Fix-xitwa waqt is-sena skolastika, l-aċċess iseħħ kull meta l-attur ikun OFF fost il-ġimgħa minn wara l-ħin ta' l-iskola jew mid-9am; jekk ma jkollux skola sas-7pm u fil-*weekend* ikollu *sleepover* mis-6.30pm sas-6.30pm tal-għada, kull meta jkun OFF u *ċioé* bejn il-Ġimgħa u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Ħadd. Iżda jekk fil-*weekend* ma jkunx hemm żewġt ġranet fuq xulxin OFF u jkun hemm ġurnata waħda OFF, l-aċċess iseħħ fil-ġurnata OFF mid-9am sas-7pm.

Fis-sajf u *ċioé* mhux fis-sena skolastika, kull meta l-attur ikun OFF matul il-ġimgħa, l-aċċess iseħħ minn wara s-*summer school* ta' l-ewwel gurnata OFF jew mid-9am jekk ma jkollux *summer schoo*l sas-7pm tat-tieni ġurnata OFF bl-obbligu tal-attur illi jieħdu s-*summer school* u jiġbru fit-tieni ġurnata OFF jekk il-minuri jkollu *summer school*, u fil-*weekend* ikollu *sleepover* mis-6.30pm sas-6.30pm kull meta jkun OFF u *ċioé* bejn il-Ġimgħa u s-Sibt jew bejn is-Sibt u l-Ħadd. Iżda jekk fil-*weekend* ma jkunx hemm żewġt ġranet fuq xulxin OFF u jkun hemm ġurnata waħda OFF, l-aċċess iseħħ fil-ġurnata OFF mid-9am sas-7pm.

Meta t-tlett ijiem OFF jinzertaw fil-*weekend* u *ċioé* mill-Ġimgħa sal-Ħadd, l-aċċess jibda mill-Ġimgha fis-6.30pm sal-Ħadd fl-4pm.

Fil-festi pubbliċi biss li jaqgħu fost il-ġimgħa l-aċċess għandu jkun alternat minn festa għal oħra u minn sena għal sena u meta jmiss lill-attur dan iseħħ mid-9am sas-7pm. Festi pubbliċi li jaqgħu fil-*weekend* ma' jaffetwawx il-ħinijiet ta' aċċess regolari.

L-attur ikollu aċċess għall-minuri minn lejliet il-Milied fit-3pm sa Jum il-Milied fit-3pm u fit-tieni sena minn Jum il-Milied fit-3pm sa Boxing Day fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena, u l-aċċess iseħħ b'din l-modalità biss jekk l-attur jinzerta OFF jew jekk jieħu l-Leave.

L-attur ikollu aċċess għall-minuri minn l-Ewwel Jum tas-Sena fit-3pm sat-2 ta' Jnar fit-3pm u fit-tieni sena minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena fit-3pm sa l-Ewwel Jum tas-Sena fit-3pm u dan b'mod alternat minn sena għal sena u l-aċċess iseħħ b'din l-modalità biss jekk l-attur jinzerta OFF jew jekk jieħu l-Leave.

Il-ġranet ta' l-Għid, Father's Day, Għeluq snin il-missier, Mother's Day, Għeluq snin l-omm u Għeluq snin il-minuri jiġu regolati kif ġej: F'Jum il-Missier l-*sleepover* tkun dejjem mis-Sibt sal-Ħadd jekk il-missier ikun OFF; F'Jum l-Omm l-*sleepover* tkun dejjem mil-Ġimgħa sas-Sibt u f'għeluq snin l-omm, il-missier ma jkollux aċċess għall-minuri anke jekk ikun imissu skont dak deċiż hawn fuq. Jekk tinzerta fil-jum tal-*sleepover* għand il-missier, l-*isleepover* iseħħ xorta imma fil-jum ta' qabel jew ta' wara; u f'għeluq snin il-missier, jekk tinzerta matul l-iskola l-aċċess ikun mill-4:30pm sas-7:00pm u jekk tkun fil-*weekend*, dak il-*weekend* l- *isleepover* issir dakinhar tal-*birthday*; u F'Jum l-Għid, fl-ewwel sena il-minuri jkun mal-missier mid-9am sat-3pm u fit-tieni sena mit-3pm sad-9pm u dana b'mod alternat minn sena għal sena. Is-*sleepover* tal-*weekend* ta' Jum l-Għid jseħħ dejjem mill-Ġimgħa mis-6pm sas-Sibt sas-6pm. F'għeluq snin il-minuri jekk ikun f'ġurnata tal-iskola, il-missier ikollu access mill-4:30pm sas-7:00pm. Jekk jaħbat fil-*weekend* il-minuri jqatta' mid-9:00am sas-2:00pm mal-omm u mis-2:00pm sas-7:00pm mal-missier. Jekk ikun il-ġurnata tkun meta jkun hemm *sleepover* il-minuri jibqa' mal-missier sal-għada bil-ħinijiet tas-soltu.

3. Tiddeċiedi dwar it-tielet talba billi tordna li tiġi varjata Klawżola 5 (ii) tal-Kuntratt tas-Separazzjoni fejn jidħol l-obbligu tal-ġbir u t-twassil tal-minuri fil-ħin tal-aċċess billi tordna illi l-attur jiġbor lill-minuri hu mir-residenza tal-omm u wara l-aċċess jirritornah lura hu jew jekk ma jkunx jista' xi ħadd mill-familjari tiegħu, fir-residenza tal-omm;

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba peress li din ġie irtirata;

5. Tilqa' l-ħames talba;

6. Taħtar lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-emendi għall-kuntratt biex jirriflettu d-deċiżjonijiet f'din is-Sentenza, kif ukoll l-Avukat Dr. Yanika Bugeja u l-P.L. Lyndsey Ann Galea li lilhom jmiss it-turn biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll tal-kuntratt u d-drittijiet professjonali tan-Nutar pubbliku u l-Avukat kuratur jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.